Ħarġa nru. 65 - Awwissu 2012

# SPORTIV

B'XEJN ma' l-orizzont

Magażin Sportiv ta' kull xahar



It-tielet rebħa nfila għal Malta

f'paġna 15



Jingħata bidu għat-98 Kampjonat

f'paġna 18



Preview tar-Regatta Nazzjonali

f'paġna 30



## OLIMPJADI 2012

# Suċċess Kbir

» Aktar f'paġna 34

• FUTBOL • WATERPOLO • MALTA FOOTBALL ASSOCIATION
• KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORT •
• STORJA TAL-FUTBOL MALTI • POOL • SNOOKER
• BASKETBALL • FORMULA WIEĦED • MOTO GP

TeamSporT

IPPARTEĊIPA U IRBAĦ MA' TEAM SPORT




# ONE TEAM NATION

FIFA WORLD CUP
Brasil

## Buy a GOAL CARD NOW to see Malta's Home Matches & Save up to €50

You can also **WIN fantastic prizes** including a **Mediterranean Cruise** for 2 persons & many more

### FIFA WORLD CUP 2014 QUALIFIERS

#### GOAL CARD PRICES

| | West C | Millennium | South | North |
|---|---|---|---|---|
| *Adults* | €100 | €50 | €30 | €30 |
| *Children* | - | €30 | €15 | €15 |

#### MATCH DAY SALES

| | West C | Millennium | South | North |
|---|---|---|---|---|
| *Adults* | | | | |
| ITALY | €60 | €30 | €20 | €20 |
| DENMARK | €25 | €15 | €10 | €10 |
| CZECK REPUBLIC | €25 | €15 | €10 | €10 |
| BULGARIA | €20 | €10 | €7 | €7 |
| ARMENIA | €20 | €10 | €7 | €7 |
| *Children* | | | | |
| ITALY | - | €15 | €10 | €10 |
| DENMARK | - | €7 | €3 | €3 |
| CZECH REPUBLIC | - | €7 | €3 | €3 |
| BULGARIA | - | €5 | €3 | €3 |
| ARMENIA | - | €5 | €3 | €3 |

Apply on-line for your Goal Card by visiting **www.mfa.com.mt** or call personally at MFA offices Flr 2 Millennium Stand, National Stadium, Ta' Qali by not later than **31st July 2012**.

***Sale of Goal Cards will be until stocks last and on a first come first served basis.***




www.mfa.com.mt



## Awwissu

L-akbar manifestazzjoni sportiva matul dan ix-xahar kienet il-Logħob Olimpiku fejn id-dilettanti madwar id-dinja kellhom xalata ta' sport differenti fejn l-emozzjonijiet ma naqsux bl-akbar attenzjoni kienet fuq l-atleta Ġamajkan, Usain Bolt, u l-għawwiem Amerikan, Michael Phelps bid-dominanza personali tagħhom.

Kollox ma' kollox dawn l-Olimpjadi kienu suċċess fejn l-organizzazzjoni kienet waħda impekkabbli.

Matul il-ġimgħa li għaddiet, ingħata wkoll bidu għall-Kampjonat Premier li forsi ma laħaqx il-livell u l-aspettattivi mixtieqa, minħabba li ovvjament, għadna fil-bidu tal-istaġun.

Iċ-champions Valletta bdew id-difiża tagħhom b'rebħa diffiċli kontra Tarxien Rainbows.

Barra minn hekk, anke l-Kampjonati domestiċi madwar l-Ewropa, ukoll ingħata bidu għalihom.

Min-naħa tal-waterpolo, proprju minn din il-ġimgħa tibda l-Aħħar Fażi biex ikunu magħrufa ċ-champions.

Dan kollu u aktar sport issibuh fl-aqwa magazin SPORTIV fil-gżejjer Maltin.

Jesmond Moore - Editur





# Irbaħ ma'

TeamSporT®

Wieġeb tajjeb għal din il-mistoqsija u tidħol biċ-ċans li tirbaħ wieħed mit-tliet rigali ġentilment offruti lilna minn Teamsport...

**Liema pajjiż rebaħ l-akbar total ta' midalji fl-Olimpjadi?**

Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Settembru, 2012:
**Kompetizzjoni Teamsport, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000**
Flimkien mat-tweġiba trid tikteb l-isem u l-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telephone tiegħek.

*It-tweġiba ta' Ħarġa nru. 64 hija:*
**Londra - l-Ingilterra**
*u r-rebbieħa huma (1) Lisa Portelli - Mqabba (2) Nicholas Incorvaia - Msida (3) Mary Mizzi - Marsa*




2




1




3

# IRBAĦ VOUCHERS TA' €500 JEW €50 BIL-LOTTERIJA



## IĠBOR U IRBAĦ

### Bil-Fliexken Tal-Plastik

Ġemma' l-fliexken tal-plastik tax-xorb. Għal kull 10 fliexken li tieħu fis-*Civic Amenity Site* tingħata biljett tal-lotterija li titla' kull tlett xhur. F'kull lotterija hemm erba' premjijiet x'jintrebħu - żewġ vouchers ta' €500-il wieħed mingħand Homemate u żewġ vouchers ta' €50-il wieħed mingħand The Point.

www.wasteservmalta.com

10th ANNIVERSARY
WasteServ
Fejn l-iskart ma jibqax skart

Ministry for Resources and Rural Affairs
www.mrra.gov.mt

Homemate

THE POINT SHOPPING MALL
TIGNÉ POINT

L-impjegati ta' WasterServ Malta Ltd u/jew tal-isponsers kif ukoll il-familji tagħhom mhumiex eliġibbli biex jipparteċipaw. Termini u kundizzjonijiet oħra japplikaw.









SPORTIV

Ħarġa nru 65
**SPORTIV**
Magażin Sportiv ta' kull xahar

**Ippubblikat minn Union Print**
Union Print Co. Ltd
Marsa Tel: 25900265

**Editur**
Jesmond Moore
jesmondmoore@yahoo.co.uk

**Reklamar**
Alfred Caruana (Manager)
acaruana@unionprint.com.mt

Claudia Mifsud
sportivmalta@yahoo.com

**Ritratti**
Ray Attard, Charles Marsh,
Roger Azzopardi

*Cover - Ċerimonja tal-għeluq tal-Olimpjadi li saru f'Londra aktar kmieni matul dan ix-xahar*

UNION PRINT CO. LTD
SPORTIV stampat fil-Union Print Co. Ltd. Marsa - Malta

# Werrej

4 **MFA**
Jingħata bidu għal Kampjonat ieħor

14 **Malta v Liechtenstein**
Rebħa faċli għat-tim Malti ta' Taħt il-21 sena

15 **Malta v San Marino**
It-tielet rebħa konsekuttiva għal Malta

16 **Super Cup**
Valletta għat-tielet darba konsekuttiva

18 **Premier**
Jingħata bidu għad-98 Kampjonat

22 **Nisa Champions League**
Birkirkara jospitaw tournament tar-rawnd preliminari f'Malta

24 **Pieta Youths**
Il-Youths ta' Pietà Hotspurs jirbħu d-double

26 **Kunsill Malti għall-Isport**
Matthew Sultana jirrappreżenta lil Malta fil-Logħob Paralimpiku

33 **Low back pain in athletes**
Jikteb Dr. Kirill Micallef Stafrace

34 **Olympic Games**
Ġimagħtejn ta' kompetizzjonijiet emozzjonijiet u... spettaklu

40 **Gozo Sports**
Dehra ġdida għal Gozo Rugby Club

42 **Waterpolo**
Neptunes u Marsaskala fil-finali fid-diviżjonijiet rispettivi

44 **Snooker/Pool**
Brian Cini megħlub fil-k/finali mill-Irlandiż Josh Boileau

46 **Formula 1**
Rebħa li tagħti tama ġdida lil Lewis Hamilton

47 **Moto GP**
Tikber it-taqtiegħa fin-naħa ta' fuq tal-Klassifika

48 **Storja tar-Regatta**
It-Tiġrija tal-Vitorja (1990-1999)... Is-Seba' Parti

50 **L-Istorja tal-Futbol Malti**
Sliema W. u Floriana fil-quccata minkejja b'partita inqas

52 **Spot the Ball u Tisliba**
Irbaħ ma' SPORTIV

Dan il-magażin jingħata B'XEJN mal-ġurnal l-orizzont fl-aħħar Sibt ta' kull xahar u l-ebda parti minnu ma tista' tiġi kkoppjata mingħajr il-permess bil-kitba tal-pubblikaturi.

mfa.com.mt



# Jingħata bidu għal Kampjonat ieħor

## BOV Premier bi 12-il tim

BOV Premier League 2012-2013

Il-Kampjonat BOV Premier għall-istagun 2012-13, għal darb'oħra bi 12-il tim, ingħata bidu nhar is-Sibt, 18 ta' Awwissu. Kienet il-logħba bejn it-tim promoss ta' Rabat Ajax u dak ta' Qormi li tat bidu għall-Kampjonat domestiku. Rabat Ajax, li rebħu l-Kampjonat Premier darbtejn fis-snin tmenin, qegħdin jirritornaw fl-ogħla diviżjoni wara nuqqas ta' 11-il sena.












L-MFA tawgura li l-Kampjonat BOV Premier jerġa' jkun wieħed interessanti bħall-istaġun li għadda u dan iwassal biex il-popolarità u l-attendenzi jkomplu jikbru. Fl-istaġun l-ieħor, il-persuni li ħallsu l-biljett biex jidħlu jaraw il-futbol lokali żdiedu b'10% fuq l-istaġun 2010-11 u dan jikkonferma kemm it-tibdil li sar matul l-aħħar snin wassal biex il-pubbliku sportiv isegwi aktar mill-viċin il-futbol domestiku.

Il-Kampjonat BOV Premier joffri 192 logħba, bit-timijiet jilagħbu kollha kontra xulxin u wara li tintemm l-ewwel fażi jinqasmu sitta fiċ-Championship Pool u sitta fir-Relegation Pool. Hawnhekk tidħol fis-seħħ is-sistema tat-tnaqqis tal-punti. It-tieni fażi tibda fit-22 ta' Frar u l-aħħar logħba tal-kampjonat hi pprogrammata għall-4 ta' Mejju. Matul l-aħħar snin, l-identità tal-Kampjonat kibret drastikament u l-prodott futbol tjieb fil-kwalità u fl-aspett kummerċjali. L-investiment qawwi li sar fil-faċilitajiet sportivi għen ukoll biex il-partitarji jgawdu minn stadiums aktar siguri u komdi.

Fl-ewwel ġurnata, il-partita prinċipali kient id-derby ta' Malta bejn Sliema Wanderers u Floriana li f'dan l-istaġun huma mmexxija minn kowċis barranin. Iċ-champions Valletta, li huma mmexxija mill-kowċ il-ġdid, Mark Miller, bdew id-difiża tagħhom kontra Tarxien Rainbows.

Hibernians, li spiċċaw runners-up tal-Kampjonat preċedenti u rebħu l-U*BET FA Trophy, bdew l-isfidi tagħhom kontra Mosta, tim li għal dan l-istaġun ingaġġaw għadd kbir ta' plejers ta' livell fosthom lit-tliet plejers tat-tim nazzjonali Luke Dimech, Daniel Bogdanovic u lill-goalkeeper Justin Haber.

Tim ġdid fil-Kampjonat BOV Premier huwa dak ta' Melita. Din se tkun l-ewwel darba li jilagħbu fil-Kampjonat Premier, għalkemm fis-snin tletin kienu jilagħbu fl-ogħla diviżjoni u fl-1939 kienu rebħu l-FA Trophy.

Huma ddebuttaw b'logħba kontra Birkirkara u sa tmiem Awwissu jilagħbu wkoll kontra Rabat Ajax li magħhom kienu promossi mill-Ewwel Diviżjoni.

Il-Kampjonat BOV Premier, ġimgħa wara l-oħra, b'waqfiet biss għal meta jilgħab it-tim nazzjonali u fi żmien il-Milied, għandu joffri emozzjonijiet varji lid-dilettanti kollha tal-futbol lokali.

Il-logħob kollu se jintlagħab fl-iStadium Nazzjonali, fil-Hibernians Stadium u fil-Victor Tedesco Stadium.

Il-kowċis li se jmexxu it-12-il tim tal-Kampjonat BOV Premier huma:

Valletta FC – Mark Miller (ġdid)
Hibernians FC – Michael Woods (ġdid)
Birkirkara FC – Pawlu Zammit (konfermat)
Floriana FC – Mark Wright (ġdid)
Sliema Wanderers FC – Alfonso Greco (ġdid)
Balzan FC - Joe Borg (konfermat)
Hamrun Spartans FC – Stefan Sultana (konfermat)
Qormi FC – Stephen Azzopardi (konfermat)
Mosta FC – Steve D'Amato (konfermat)
Tarxien Rainbows FC – Danilo Doncic (ġdid)
Melita FC – Martin Gregory (konfermat)
Rabat Ajax FC – Silvio Vella (konfermat)

Il-Kampjonati BOV tal-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet Diviżjoni se jibdew, nhar il-Ġimgħa, 14 ta' Settembru. Il-Kampjonati BOV tal-Ewwel u tat-Tieni Diviżjoni tan-Nisa mistennija jibdew matul ix-xahar ta' Settembru.

Ritratti - Paul Zammit Cutajar







# It-tim nazzjonali jipprepara għall-ewwel logħbiet tat-Tazza tad-Dinja 2014

Nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Settembru, it-tim nazzjonali Malti se jkompli b'impenn kompetittiv meta f'Ta' Qali, jilgħab l-ewwel logħba mir-round preliminari tat-Tazza tad-Dinja 2014. Malta tinsab fi Grupp B u l-ewwel konfront se jkun kontra l-Armenja biex erbat ijiem wara, Malta tilgħab kontra l-Italja, f'Modena.

Bi preparazzjoni għal dawn iż-żewġ partiti intensivi, it-tim Malti immexxi għat-tieni darba mill-kowċ Taljan Pietro Ghedin, lagħab partita ta' ħbiberija kontra San Marino, nhar l-14 ta' Awwissu. It-tim Malti rebaħ bl-iskor ta' 3-2 wara li fl-ewwel logħba tiegħu, immexxi mill-ġdid minn Ghedin, kiseb ukoll rebħa fuq il-Lussemburgu, din id-darba bl-iskor ta' 2-0. Dawn iż-żewġ partiti intlagħbu barra minn pajjiżna.

Pietro Ghedin qed jipprepara lill-iskwadra nazzjonali għaż-żewġ logħbiet li ġejjin b'mod mill-aktar professjonali. It-taħriġ jinkludi sessjonijiet ikkonċentrati fuq il-fiżika li jsiru taħt il-gwida tal-preparatur tal-fiżika, Luca Pagani. Waqt sessjonijiet oħra t-tim ta' plejers magħżula biex jiffurmaw parti mit-tim nazzjonali jaħdmu fuq it-tattika u kif ukoll il-preparazzjoni psikoloġika.

Ghedin se jibbaża l-iskwadra tiegħu, għal dawn il-logħbiet, fuq il-forma li jkunu fiha l-plejers u l-ewwel logħbiet tal-Kampjonat se jagħtu wkoll indikazzjonijiet lill-kowċ nazzjonali dwar liema huma dawk il-plejers li f'din il-fażi bikrija tal-istaġun diġà jinsabu fl-aħjar forma u huma denji li jkunu msejħa mat-tim nazzjonali.

It-taħriġ tat-tim nazzjonali reġa' beda, fis-6 ta' Awwissu, u kompla wara li t-tim reġa' lura Malta mil-logħba kontra San Marino. It-timijiet nazzjonali tal-Armenja u l-Italja wkoll lagħbu l-aħħar logħbiet ta' tħejjija qabel jilagħbu l-ewwel logħbiet tagħhom. L-Armenja tilfet f'darha kontra l-Belarus bl-iskor ta' 2-1 u l-Italja, b'tim sperimentali, tilfet bl-iskor ta' 2-1 kontra l-Ingilterra, f'Berna.

L-ewwel logħbiet minn Grupp B tar-rawnd ta' kwalifikazzjoni tat-Tazza tad-Dinja se jkunu dawn:

**Il-Ġimgħa, 7 ta' Settembru**
Bulgarija v Italja
Malta vs Armenja

**Is-Sibt, 8 ta' Settembru**
Danimarka v Rep. Ċeka

**It-Tlieta, 11 ta' Settembru**
Italja vs Malta
Bulgarija v Armenja

# L-iskema tal-Goal Card
## intlaqgħet tajjeb fost il-partitarji Maltin

Il-bejgħ tal-iskema tal-Goal Card li l-Malta Football Association ħarġet għal-logħbiet tat-Tazza tad-Dinja, f'Ta' Qali, intlaqgħet tajjeb ħafna. Din kienet l-ewwel skema ta' din ix-xorta li qatt kienet ippreżentata mill-MFA għal-logħbiet tat-tim nazzjonali Malti. Dawn l-inċentivi qegħdin ikomplu joħolqu entużjażmu fost il-pubbliku sportiv u qegħdin joffru opportunitajiet ġodda biex aktar partitarji jersqu viċin it-tim nazzjonali Malti.




Fil-fatt, wara li l-ewwel stokk ta' cards dedikati għall-Millennium Stand inbiegħ kollu, l-MFA kellha talba għal aktar cards f'din iż-żona tal-istadium u għaldaqstant estendiet il-bejgħ tal-Goal Card kollha, sat-Tlieta, 7 ta' Awwissu.

L-MFA ħabbret li wara din id-data ma kellhiex il-ħsieb li terġa' testendi d-data tal-bejgħ ta' dawn il-cards.

Permezz ta' din il-card, il-prezz li partitarju jħallas biex jara l-ħames logħbiet li Malta trid tilgħab f'darha, kien wieħed ridott li joffri skont qawwi. Il-logħbiet se jkunu kontra l-Armenja (7-9-2012), l-Italja (26-3-2013), id-Danimarka (6-9-2013), il-Bulgarija (10-9-2013) u r-Repubblika Ċeka (11-10-2013).

Il-cards bdew jitqassmu lill-applikanti f'Lulju u kull min xtara card ingħata rigali oħra mill-MFA u mill-FXDD, il-Platinum Sponsors tat-tim nazzjonali.

Barra minn hekk, kull min għandu l-Goal Card se jkollu post garantit għal-logħba l-iktar mistennija, dik kontra l-Italja u kif ukoll ċans li jirbaħ cruise fil-Mediterran għal tnejn mogħti lill-MFA bil-kortesija ta' Hamilton Travel.

Celebrating a Decade of
Thinking Outside the Stocks.

What began with the first in-house MT4 bridge has developed into a multifaceted suite of innovative technologies that empower you to make the most of any trading environment.

FXDD
Your Money, Empowered.

HIGH RISK WARNING: Foreign exchange trading carries a high level of risk that may not be suitable for all investors. Leverage creates additional risk and loss exposure. Before you decide to trade foreign exchange, carefully consider your investment objectives, experience level, and risk tolerance. You could lose some or all of your initial investment; do not invest money that you cannot afford to lose. Educate yourself on the risks associated with foreign exchange trading, and seek advice from an independent financial or tax advisor if you have any questions.

Licensing statement FXDD Europe: FXDD Malta Limited is licensed to provide investment services by the Malta Financial Services Authority. Registered office: K2, 1st Floor, Forni Complex, Valletta Waterfront, Floriana FRN 1913, Malta.

ADVISORY WARNING: FXDD provides references and links to selected blogs and other sources of economic and market information as an educational service to its clients and prospects and does not endorse the opinions or recommendations of the blogs or other sources of information. Clients and prospects are advised to carefully consider the opinions and analysis offered in the blogs or other information sources in the context of the client or prospect's individual analysis and decision making. None of the blogs or other sources of information is to be considered as constituting a track record. Past performance is no guarantee of future results and FXDD specifically advises clients and prospects to carefully review all claims and representations made by advisors, bloggers, money managers and system vendors before investing any funds or opening an account with any Forex dealer. Any news, opinions, research, data, or other information contained within this website is provided as general market commentary and does not constitute investment or trading advice. FXDD expressly disclaims any liability for any lost principal or profits without limitation which may arise directly or indirectly from the use of or reliance on such information. As with all such advisory services, past results are never a guarantee of future results.

10






# 32 referee Malti u uffiċjali oħra jipparteċipaw fi training camp fil-Bulgarija

**Ir-*refereeing* hu fost l-aktar dixxiplini importanti li jwasslu biex tul l-istaġun l-attività tal-futbol fi ħdan l-MFA tirnexxi. Fil-fatt id-Dipartiment tar-Referees, bil-kollaborazzjoni tal-MFRA (Malta Football Referees Association), qegħdin kontinwamnet jimpenjaw ruħhom biex il-livell tal-uffiċjali Maltin u Għawdxin jkompli jikber.**

Għal dan il-għan, grupp ta' 32 referee mill-kategoriji *Elite* u *First*, marru Silven, fil-Bulgarija, fejn attendew għal seminar u *training camp* qabel il-bidu tal-istaġun domestiku. Il-kelliem ewlieni waqt is-sitt ijiem ta' attivita' kien Steve Bennett **(ritratt)**,

lecturer tal-FIFA u osservatur tar-referees tal-UEFA. Flimkien mal-uffiċjali, Adrian Casha, Charles Agius u Lawrence Sammut, attendew ukoll uffiċjali oħra li jaħdmu fis-settur tar-referees tal-MFA.

Kelliema oħra fis-seminar kienu Adrian Casha, Tom A Restall, Victor Mintoff, Saviour Darmanin, Philip Agius u Ronald Zammit. Huma tkellmu dwar suġġetti varji. Saru wkoll sessjonijiet ta' teorija u prattika akkumpanjati minn *video clips*. L-attività ntemmet b'sessjoni plenarja u preżentazzjonijiet ta' tifkiriet.

Meta kien qed jitkellem f'konferenza tal-aħbarijiet, qabel ma l-grupp telaq minn Malta, Bjorn Vassallo, il-Kap Eżekuttiv tal-MFA, qal li l-Assoċjazzjoni Maltija tal-Futbol hija mpenjata biex ittejjeb l-edukazzjoni tal-uffiċjali tal-logħba tul il-karrieira tagħhom.

Huwa fisser il-ħtieġa li jkompli jitjieb il-livell tar-refereeing u saħaq li b'avvenimenti ta' din ix-xorta, l-uffiċjali jkollhom iċ-ċans mhux biss jippreparaw b'mod professjonali, iżda jitpoġġew fl-aħjar kundizzjoni kemm fiżika u kif ukoll psikoloġika.

Vassallo rrefera wkoll għall-Akkademja tar-Referees bħala l-bażi ta' edukazzjoni minn età kmieni waqt li enfasizza li l-kontinwità fit-tagħlim hija ta' importanza kbira. Hu qal li l-lista tar-referees fuq il-panel tal-FIFA kompliet tiżdied u din tagħti sodisfazzjon kbir lil Malta. Huwa tenna li mhux b'kapriċċ li l-uffiċjali Maltin qegħdin jerġgħu jingħataw appuntamenti b'mod kostanti kemm mill-UEFA u kif ukoll mill-FIFA, xhieda li x-xogħol f'pajjiżna qiegħed isir bil-għaqal u bi pjan. Vassallo rringrazzja lill-isponsor FXDD u kif ukoll lill-MFRA għall-ħidma li qiegħda titwettaq biex flimkien mal-UEFA jkomplu jippromwovu din id-dixxiplina.

Bejn il-11 u s-16 ta' Awwissu, ħames referees intgħażlu mill-UEFA biex jikkontrollaw logħbiet internazzjonali. Esther Azzopardi u Alfred Borg Cardona, mgħejjuna minn Karl Frendo Cumbo, ikkontrollaw logħbiet taċ-Champions League tan-Nisa fil-Maċedonja u Malta.

Ir-referee Marco Borg, mgħejjun minn Konrad Borg u Christopher Francalanza, ikkontrolla logħba bejn Wales u l-Bosnia Herzegovina. Trio ieħor ta' uffiċjali magħmul minn Chris Lautier (referee), Mariano Debono u William Debattista, ikkontrollaw il-logħba bejn il-Bulgarija u Ċipru fl-istess ġurnata. Filwaqt li Alan Mario Sant ikkontrolla f'Cambuur fl-Olanda, logħba internazzjonali ta' Taħt il-21 sena bejn l-Olanda u l-Italja. Huwa kien assistit minn Alan Camilleri u Edward Spiteri.

Dawn l-esperjenzi, flimkien ma' esperjenzi oħra ta' skambju, għandhom jgħinu mhux ftit biex l-uffiċjali Maltin isaħħu l-kompetenza tagħhom.







# Korsijiet biex in-Nurseries

## jitmexxew minn kowċis u amministraturi speċjalizzati

Mill-istaġun, 2013-14, se jkun mandatorju li n-nurseries kollha jkollhom Youth Director tal-Coaching u amministratur tan-Nursery li t-tnejn iridu jkunu kkwalifikati miċ-Ċentru Tekniku tal-MFA b'liċenzja speċjalizzata.

L-MFA se timplimenta dan it-tibdil fit-tmexxija tan-Nurseries fid-dawl tal-emendi li għaddew mill-Kunsill tal-MFA f'Ġunju li għadda. B'hekk, dawk liċenzjati, kemm jekk il-Head Coach u kif ukoll l-amministratur ewlieni tan-Nursery, ikunu jistgħu jwettqu x-xogħol tagħhom b'mod mill-aktar professjonali u skond il-kurrikulum taċ-Ċentru Tekniku mmexxi mid Direttur Robert Gatt.

L-ewwel żewġ korsijiet, ta' 'l fuq minn 60 siegħa 'il wieħed raw numru sabiħ ta' applikanti u qegħdin isiru fi ħdan il-faċilitajiet moderni li joffri ċ-Ċentru Tekniku tal-MFA. Dawn il-korsijiet qed jitmexxew minn kelliema speċjalizzati fis-suġġett u kif ukoll minn nies professjonali.

Għall-ewwel żewġ korsijiet qed jattendu 21 direttur u 16-il amministrattur li diġà jaħdmu fin-nurseries lokali tal-futbol.




# Aktar Coaching Courses miċ-Ċentru Tekniku tal-MFA

Ritratti: Domenic Aquilina

**Fix-xhur li ġejjin, iċ-Ċentru Tekniku tal-Malta Football Assocaition se jorganizza żewġ korsijiet oħra miftuħa għall-kowċis tal-futbol, il-UEFA B u s-CYF (Coaching Young Footballers).**

Is-CYF se jsir bejn l-14 u s-16 ta' Settembru. Dan il-kors isir fuq bażi regolari u hu intenzjonat biex jgħin lil kowċis prospettivi jtejbu t-tagħlim tagħhom ta' coaching fil-livell bażiku. Persuni nteressati li japplikaw għandhom jimlew formola ta' applikazzjoni maħruġa miċ-Ċentru Tekniku flimkien ma' rakkomandazzjoni min-Nursery u ċertifikat mediku.

Minn din is-sena se titħaddem sistema ġdida ta' applikazzjonijiet fejn is-sejħa għal dawn l-istess applikazzjonijiet se tibqa' miftuħa matul l-istaġun kollu u se tinżamm lista ta' stennija bħala referenza għall-futur.

Għal dan il-kors jistgħu japplikaw dawk li fil-jum tal-applikazzjoni jkunu għalqu18-il sena. Iċ-ċertifikat tas-CYF jgħodd għal tliet snin, jiġifieri sa Settembru tal-2015.

Kors ieħor u ferm aktar impenjattiv huwa dak tal-UEFA B, kors intensiv li jitmexxa fuq tmien moduli u li hu mifrux fuq perjodu ta' tmien xhur, bejn Ottubru tal-2012 sa Mejju 2013. Dawk li sa issa diġà ħarrġu timijiet, minn Taħt is-17-il sena 'il fuq huma eliġibbli li joqogħdu għal dan il-kors. Barra minn hekk, l-applikanti jrid ikollhom liċenzja Ċ maħruġa mill-MFA biex jiġu aċċettati u jridu wkoll ikunu jafu l-lingwa Ingliża għaliex l-eżami tat-teorija jsir bl-Ingliż waqt li s-sessjonijiet tal-prattika jsiru kemm bl-Ingliż u kif ukoll bil-Malti. L-applikazzjonijiet għal dan il-kors diġà għalqu.

Matul l-aħħar sentejn, u proprju għaliex l-MFA issussidjat parti essenzjali mill-ispiża ta' dawn il-korsijiet, in-numru ta' kowċis li nkitbu u pparteċipaw fil-korsijiet organizzati miċ-Ċentru Tekniku, kiber sew.









# L-MFA tippreżenta *l-ħidma tagħha lill-membri* waqt il-Laqgħa Ġenerali Annwali



**Fil-21 ta' Lulju, li għadda l-MFA, organizzat il-Laqgħa Ġenerali Annwali fejn attendew il-membri kollha f'isem il-klabbs u l-assoċjazzjonijiet membri. Il-laqgħa li saret f'lukanda, fil-Floriana, fetħet permezz ta' diskors mill-president tal-MFA, Norman Darmanin Demajo, fejn segwa dokumentarju viżiv ippreparat minn Fr. Hilary Tagliaferro (fundatur taċ-Ċentru Sport Edukattiv) dwar il-futbol fil-livell ta' grassroots f'pajjiżna - dokumentarju sabiħ li jrakkonta l-ġrajja minn meta l-futbol kien jintlagħab fit-toroq fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija saż-żminijiet tal-lum.**

Wara, il-membri approvaw kemm ir-rapport amministrattiv u kif ukoll dak finanzjarju, ippreżentati minn Bjorn Vassallo u Antoine Portelli, Kap Eżekuttiv u Teżorier tal-istess MFA. Il-Kap Eżekuttiv għamel ukoll preżentazzjoni dwar dak li seħħ fl-istaġun li għadda fi ħdan l-MFA u saħaq li l-MFA qiegħda tevolvi grazzi għall-pjan ta' ħidma li qiegħed jiġi mwettaq skond il-viżjoni progressiva li qabdet. Mir-rapport finanzjarju ħareġ li l-MFA kompliet tinvesti bis-sħiħ fil-faċilitajiet sportivi tal-klabbs, fejn fl-aħħar sentejn in-neqfa kapitali laħħqet it-€12-il miljun.

Qabel intemmet il-laqgħa, bid-diskors tal-president Darmanin Demajo, ġew approvati emendi għall-istatut u saret elezzjoni waħda għall-membri tal-Kumitat Eżekuttiv li jirrappreżentaw lill-klabbs mid-diviżjonijiet kollha, fejn kienu eletti Michael Cutajar (St. George' s) u Charles J. Scerri (Lija Athletic).

Fid-diskors tal-għeluq, il-president tal-MFA, Norman Darmanin Demajo, qara artiklu mir-rivista *Football Review* miktub fl-1953, mill-President tal-MFA ta' dak iż-żmien, Dr J. Frendo Azzopardi. L-artiklu kien jirrigwardja l-finanzi tal-klabbs u l-mod ta' kif għandhom jitmexxew il-klabbs. Darmanin Demajo qal li għalkemm għaddew 60 sena, dak li nkiteb għadu jgħodd għal-lum għaliex hemm bżonn li jinbidlu l-metodi ta' kif qed jitmexxew il-klabbs tal-futbol. Għalkemm wera sodisfazzjon li għadd ta' klabbs ħadu l-pariri tal-MFA u bdew itejbu l-operat tagħhom mil-lat ta' finanzi, xorta waħda fadal lok għal titjib f'dan is-sens.

Skond is-Sur Darmanin Demajo, l-MFA temmen bis-sħiħ li biex il-klabbs jimxu 'l quddiem iridu jkun responsabbli, integri u jattwaw il-prinċipji tal-Financial Fair Play. Hu qal li wasal iż-żmien li kulħadd jibda jagixxi b'mod professjonali u t-tmexxija tal-klabb tingħata qabża fil-kwalità jekk fl-ogħla livelli minn tmexxija ta' kumitat taqleb għal waħda f'forma ta' kumpanija. Fl-indirizz tiegħu appella wkoll lill-MEPA biex tagħti aktar kas tat-talbiet li tagħmel l-MFA u tenna li l-Gvern tal-ġurnata jrid iħares lejn il-futbol bħala attività ekonomika kbira minħabba l-kummerċ li jiġġeneraw il-klabbs fl-ekonomija Maltija.

Il-laqgħa ntemmet b'ċapċip u akklamazzjoni mid-delegati preżenti, xhieda li l-ħidma li qiegħda ssir qiegħda tħalli l-frott mixtieq.

Għal din il-laqgħa, bħala osservatur f'isem il-UEFA, kien preżenti l-membru mill-Kumitat Eżekuttiv Sergey Fursenko.




# Il-UEFA

## tilħaq ftehim mal-ECA dwar kumpens għall-klabbs

**Wara ftehim bejn il-UEFA u l-European Club Association, il-klabbs Ewropej ibbenefikaw minn fondi skond ir-rappreżentanza tal-plejers mat-timijiet nazzjonali rispettivi tagħhom.**

Dan il-ftehim ġie ffirmat, f'Marzu li għadda, fil-Kungress tal-UEFA li sar f'Istanbul ġewwa t-Turkija, bejn il-president tal-Federazzjoni Ewropea Michel Platini, u ċ-chairman tal-ECA, Karl-Heinz Rummenigge.

Il-ftehim milħuq jistabilixxi li s-somma ta' €100 miljun tinqasam bejn dawk il-klabbs kollha li l-plejers tagħhom lagħbu fil-kompetizzjoni tal-Euro 2012 - sa mill-fażi preliminari għall-fażi finali li ntlagħbet fil-Polonja u fl-Ukrajna.

Din is-somma ġiet maqsuma f'€40 miljun għal dawk il-pajjiżi li ma kkwalifikawx, filwaqt li €60 miljun inqasmu għall-pajjiżi finalisti.

Għall-edizzjoni li jmiss, jiġifieri, il-kompetizzjoni Euro 2016, liema fażi finali se tintlagħab fi Franza, il-fondi se jitilgħu għall-€150 miljun.

Sadanittant, il-European Club Association għamlet l-istess ftehim mal-FIFA qabel l-edizzjoni finali tat-Tazza tad-Dinja 2010, li ntlagħbet fl-Afrika t'Isfel, iżda l-fondi tqassmu biss lill-pajjiżi finalisti.

Għat-Tazza tad-Dinja li jmiss, il-FIFA għadha ma ħabbret xejn dwar jekk hux se tagħti xi fondi jew inkella kif ser jitqassmu.

It-timijiet Maltin li bbenefikaw minn dawn il-fondi kienu Birkirkara FC, Floriana FC, Hamrun Spartans FC, Hibernians FC, Marsaxlokk FC, Qormi FC, Sliema Wanderers FC u Valletta FC.

Dawn il-fondi għandhom ikomplu jgħinu biex il-klabbs lokali jsaħħu l-pożizzjoni finanzjarja tagħhom u b'hekk ikomplu jsostnu l-investiment kbir li l-operat ta' klabb tal-futbol jirrikjedi.



Ritratti: Paul Zammit Cutajar

# Rebħa faċli għat-tim Malti ta' Taħt il-21 sena fuq Liechtenstein

Bħala parti mill-preparazzjoni għall-partita kontra l-Ukrajna, valida mill-preliminari tal-Kampjonat Ewropew ta' Taħt il-21 sena, f'Settembru li ġej, Malta ospitat lil Liechtenstein f'partita ta' ħbiberija u ħarġet rebbieħa bl-iskor ta' 4-1.

Kien gowl kmieni skorjat minn Ryan Scicluna, li witta t-triq għal rebħa faċli għat-tim nazzjonali Malti ta' Taħt il-21 sena mmexxi minn Ray 'Żażu' Farrugia.

Il-Maltin dehru aħjar f'kull dipartiment, speċjalment f'nofs il-grawnd fejn Ryan Camenzuli, Rowen Muscat, Mark Scerri u Bjorn Kristensen qatt ma taw ċans lill-avversarji tagħhom ikunu wisq effettivi.

Camenzuli, l-iżgħar fost il-plejers Maltin fl-età ta' 17-il sena, kien bla dubju l-plejer li spikka fuq kulħadd tul id-90 minuta u, barra li skorja ġmiel ta' gowl, involva ruħu f'ħafna mill-azzjonijiet li ħoloq it-tim Malti.

Għall-kronaka, il-Maltin ħadu żewġ minuti biex fetħu l-iskor meta RYAN SCICLUNA approfitta ruħu minn inċertezza fid-difiża avversarja u b'xutt imkaxkar minn barra l-kaxxa għeleb lil Dario Calliori.

Liechtenstein m'għarfux iwettqu reazzjoni bl-aktar li jersqu viċin ikun permezz ta' xutt mill-bogħod ta' Wolfinger li għadda ftit għoli.

Il-Maltin baqgħu l-aħjar u wara li kross ta' Gauci għadda tul il-lasta, fid-19-il minuta wasal it-tieni gowl.

Kien RYAN CAMENZULI li bidel il-ballun ma' Vella biex b'xutt angolat qabbeż lil Calliori għar-rokna tax-xibka.

Wolfinger, l-aħjar plejer avversarju, ipprova joħloq azzjoni oħra imma xxuttja barra minn azzjoni ta' freekick.

Fit-tieni taqsima, l-kowċ nazzjonali Malti wettaq b'kollox sitt sostituzzjonijiet, bi tlieta minnhom isiru fil-bidu tat-taqsima u t-tlieta l-oħra matul l-istess 45 minuta.

Minkejja dawn is-sostituzzjonijiet, il-Maltin baqgħu l-aħjar tim fil-grawnd u ma damux ma skorjaw it-tielet gowl.

Dan wasal fit-48 minuta meta minn freekick ta' Camenzuli, YESSOUS CAMILLERI b'daqqa ta' ras mill-qrib ma falliex.

Vella kellu fejn iżid gowl ieħor fis-60 minuta imma x-xutt dirett tiegħu minn feekick għadda jħakkek mal-lasta l-wieqfa.



Ryan Camenzuli (Malta) attakkat minn Christoph Duelli (Liechtenstein)



Mark Scerri (Malta) jaħrab il-kustodja ta' Thomas Eggenberger (Liechtenstein)

Il-Maltin komplew jiddettaw il-logħob b'ċertu faċilità u fil-75 wasal ir-raba' gowl meta Scerri żmarka tajjeb lis-sostitut, DARREN FALZON, li kkontrolla tajjeb qabel għeleb lil Calliori.

Minuta biss wara kien Camenzuli li ġie mċaħħad mis-sodisfazzjon li jżid gowl ieħor meta rċieva pass tajjeb u ġie wiċċ imb'wiċċ mal-gowlkiper, imma Calliori irnexxielu jimblokka b'sieqi.

Liechtenstein irnexxielhom jiskorjaw gowl ta' konsolazzjoni fid-79 minuta meta CHRISTOPH DUELLI ttanta xortih b'xutt mill-bogħod minn pożizzjoni angolata bil-ballun iqarraq bil-gowlkiper Daniel Balzan u jispiċċa fir-rokna tax-xibka.



Rowen Muscat (Malta) isegwi lil Christoph Duelli (Liechtenstein)

# It-tielet rebħa konsekuttiva għal Malta

Malta kisbet it-tielet rebħa konsekuttiva meta, f'partita ta' ħbiberija, għelbet lil San Marino, fi Stadio Olimpico, f'Serravalle bl-iskor ta' 3-2.

Din kienet it-tieni partita (fit-tieni avventura) taħt it-tmexxija tal-kowċ Taljan, Pietro Ghedin, li serviet bħala parti mill-preparazzjoni għaż-żewġ partiti mir-rawnd preliminari tat-Tazza tad-Dinja, 2014, matul ix-xahar id-dieħeo, kontra l-Armenja (7 ta' Settembru) u kontra l-Italja (11 ta' Settembru).



Ritratt: Paul Zammit Cutajar

*Michael Mifsud fl-azzjoni għal Malta kontra San Marino*

Iż-żewġ rebħiet l-oħra waslu kontra Liechtenstein, bl-iskor ta' 2-1, (29.02.2012), taħt it-tmexxija ta' Robert Gatt, u kontra l-Lussemburgu, bl-iskor ta' 2-0 (02.06.2012) taħt il-gwida ta' Pietro Ghedin.

F'din il-partita, il-Maltin dawru telfa f'rebħa wara li kienu l-avversarji li fetħu l-iskor kmieni fil-partita, iżda doppjetta ta' Michael Mifsud u gowl ieħor minn Andrei Agius aċċertaw ir-rebħa għall-Maltin.

F'dan il-konfront, id-difensur ta' Hibernians Ryan Camilleri u l-midfielder ta' Sliema Wanderers, John Mintoff, ingħataw id-debutt bil-flokk nazzjonali.

Intant, San Marino fetħu l-iskor, fit-tmien minuta, meta minn azzjoni ta' corner, Mirko Palazzi kompla l-ballun fid-direzzjoni tal-lasta Maltija biex kien hemm MANUEL MARIANI li mill-viċin ma' żbaljax.

Iżda ħames minuti wara, il-Maltin kisbu d-draw meta MICHAEL MIFSUD irċieva l-ballun minn fuq il-lemin, avvanza u b'xutt fil-baxx, minn qagħda djagonali, għeleb għal kollox lil Aldo Simoncini bil-ballun jgħaddi minn taħtu.

Mal-kwarta logħob, San Marino kienu għoddhom marru fil-vantaġġ, wara li d-difiża Maltija naqset li tikklerja, iżda x-xutt ta' Matteo Vitaioli ġie mdawwar f'corner. Ir-reazzjoni Maltija kienet waħda mmedjata, b'Andrew Cohen jersaq viċin meta x-xutt tiegħu għadda jħakkek mal-wieqfa.

Fil-21 mintua, il-Maltin marru fil-vantaġġ minn azzjoni ta' corner meta l-ballun wasal għand Michael Mifsud li għadda mill-ewwel lejn ANDREI AGIUS li minn pożizzjoni ideali sammar il-ballun fir-rokna tas-saqaf tax-xibka.

Fit-30 minuta, it-tim immexxi mill-kowċ Taljan Pietro Ghedin, kien għoddu skorja t-tielet gowl iżda t-tentattiv ta' Roderick Briffa, minn barra l-kaxxa, għadda ftit ċentimetri minn fuq il-mimduda, bil-gowlkiper ta' San Marino Aldo Simoncini, megħlub għal kollox.

Żewġ minuti wara, l-avversarji kellhom ċans tajjeb li jiksbu l-gowl tad-draw meta Michele Cervellini xeħet lejn Manuel Mariani li żmarka għal kollox lil Danilo Rinaldi li minn qagħda tajba falla kompletament il-mira.

Minuta qabel tmiem l-ewwel taqsima, minn azzjoni personali Michael Mifsud venven xutt li Simoncini salva bi tbatija.

Fil-ħin miżjud, Steve Borg ħarab fuq il linja l lemінija, daħal fil-kaxxa u xeħet lejn Andrew Cohen li, bl-għajta tal-gowl, ix-xutt tiegħu ġie maqlugħ minn fuq il-linja fatali.

Wara l-mistrieħ, ir-ritmu tal-partita naqas xi ftit bil-konsegwenza li l-azzjonijiet lejn il-lasti rispettivi kienu rari. Infatti l-unika azzjoni denja ta' nota waslet fis-70 minuta, min-naħa ta' San Marino, meta Alessandro Bianchi, avvanza fuq il-lemin u pprova jaħsad lill-gowlkiper Maltin, Andrew Hogg, iżda l-konklużjoni tiegħu spiċċat barra.

Żewġ minuti wara kien imiss lill-attakkant Malti, Etienne Barbara, li jimpenja lill-gowlkiper avversarju, is-sostitut Federico Valentini, li b'save spettakolari ċaħħad lill-Maltin milli jkomplu jżidu l-iskor.

Kien MICHAEL MIFSUD li għalaq il-partita meta, fl-84 minuta, b'xutt qawwi minn fuq ix-xellug li ma ta l-ebda ċans lil Valentin jsalva.

Meta l-partita dehret li mirbuħa minn Malta bl-iskor ta' 3-1, fil-ħin miżjud ir-referi Taljan, Paolo Tagliavento, saffar għal penalti dubjuż favur San Marino biex mill-11-il metru, DANILO RINALDI, għamel l-iskor aktar rispettabbli.

**PARTITA TA' ĦBIBERIJA**

**14.08.2012 - 20.30 hrs**

**San Marino** 2
M. Palazzi 8, 92 pen

**Malta** 3
M. Mifsud 13, 84, A. Agius 21

HT 1-2 **Stadio Olimpico, Serravalle**

**San Marino** – Aldo Junior (Federico Valentini 46), Fabio Vitaioli (Damiano Vannucci 63), Mirko Palazzi, Michele Cervellini, Davide Simoncini, Alessandro Della Valle (Cristian Brolli 46), Enrico Cibelli (Alessandro Bianchi 46), Alex Gasperoni, Danilo Rinaldi, Manuel Marani (Simone Bacciocchi 79), Matteo Vitaioli (Marco Muraccini 71)

*Coach* – Giampaolo Mazza

**Malta** – Andrew Hogg, Alex Muscat (John Mintoff 86), Gareth Sciberras, Andrei Agius, Daniel Bogdanovic, Roderick Briffa (Shaun Bajada 46), Michael Mifsud (Paul Fenech 86), Andrew Cohen, Andre Schembri (Etienne Barbara 46), Ryan Camilleri (Luke Dimech 54), Steve Borg (Ryan Fenech 62)

*Coach* – Pietro Ghedin

Referee – Paolo Tagliavento (Italja)

Assistenti – Massimo Zanetti, Andrea Guidi (San Marino)

Raba' Uff. – Johnny Casanova (San Marino)



**PARTITA TA' ĦBIBERIJA**

**14.08.2012 - 20.00 hrs**

**Malta** 4
R. Scicluna 2, R. Camenzuli 19, Y. Camilleri 48, D. Falzon 75

**Liechtenstein** 1
C. Duelli 79

HT 2-0 **Hibernians Stadium**

**Malta** Steve Sultana (Daniel Balzan 46), Ryan Camenzuli, Luca Martinelli (Ferdinando Apap 46), Zach Muscat, Rowen Muscat (Steve Pisani 68), Ryan Scicluna (Lydon Micallef 73), Mark Scerri, Terence Vella (Daren Falzon 60), Bjorn Kristensen, Yessous Camilleri, Matthew Gauci (Jurgen Pisani 46)

*Coach* – Ray Farrugia

**Liechtenstein** – Dario Calliori, Fabian Eberle, Mathias Bele, Olcay Gur, Valentin Flatz, Philipp Ospelt, Sandro Wolfinger, Christoph Duelli (Nicola Kollmann 81), Tolgahan Unlu (Dario Kaiser 76), Niklas Kieber, Thomas Eggenberger (Simon Zahn 81)

*Coach* – Rene Pauritsch

Referee – Nikola Popov (Bulgarija)

Assistenti – Ivaylo Milkov, Ivan Valchrev (Bulgarija)

Raba' Uff. – Adrian Azzopardi (Malta)

Ammonit – F. Eberle (L)




# Valletta għat-tielet darba konsekuttiva

Għat-tielet sena konsekuttiva Valletta rebħu s-Super Cup wara li għelbu lil Hibernians bl-iskor ta' 3-1, f'partita deċiża fl-ewwel taqsima minħabba li l-erba' gowls ġew skorjati kollha qabel il-mistrieħ.

Valletta kienu mingħajr Jonathan Caruana u Denni dos Santos li kienu mweġġa' filwaqt li bejn il-lasti ddebutta Manuel Bartolo, waqt li l-Brażiljan Leandro ukoll kien qed jagħmel l-ewwel dehra tiegħu mal-klabb Belti.

Min-naħa ta' Hibernians, dawn kienu mingħajr Clayton Failla, Jonathan Pearson, Triston Caruana u Jean Paul Farrugia.

Għalihom iddebuttaw iż-żewġ barranin John Nwoba (eks Mqabba) u Anderson Ribeiro (eks Hamrun Spartans), li ingħaqdu uffiċjalment mal-klabb ftit sigħat qabel il-partita.

Wara mumenti ta' studju miż-żewġ naħat fil-bidu tal-partita, kienu Valletta li, fil-25 minuta, fetħu l-iskor meta Roderick Briffa, li fl-ewwel taqsima ma waqafx tiela' u niezel tul il-faxxa leminija, ta 'l quddiem lejn MICHAEL MIFSUD li b'xutt djagonali għar-rokna ma ħarix.

Valletta rdoppjaw sitt minuti wara meta f'azzjoni ta' kontrattakk, Michael Mifsud żmarka lil LEANDRO DA SILVA li b'xutt minn tarf il-kaxxa għeleb lill-gowlkiper Mario Muscat bil-ballun jispiċċa fis-saqaf tax-xibka.

Fl-34 minuta, wasal it-tielet gowl Belti meta reġa' kien Briffa li kompla lejn DYSON FALZON li antiċipa l-ħarġa ta' Muscat u b'kalma kbira xeħet f'lasti vojta.

Ir-reazzjoni ta' Hibernians waslet ftit sekondi qabel il-mistrieħ bi ġmiel ta' gowl ta' JACKSON LIMA li b'xutt sabiħ mill-bogħod skorja dak li kellu jkun il-gowl tal-bandiera.

Fit-tieni taqsima, iż-żewġ naħat kellhom fejn jiskorjaw aktar gowls, b'Hibernians jersqu viċin minn freekick ta' Cohen u b'daqqa ta' ras ta' Anderson Ribeiro li ħabtet mal-mimduda.

Kollox ma' kollox kienet rebħa meritata għal Valletta li wrew l-aħjar logħob matul il-partita kollha.

Wara l-finali, il-president tal-MFA, is-Sur Norman Darmanin Demajo, ippreżenta s-Super Cup lill-captain tat-tim Belti, Roderick Briffa.







*Jackson Lima Sequeira jiskorja għal Hibernians kontra Valletta*



*Leandro Da Silva (Valletta) jiddefendi l-ballun minn Bjorn Kristensen (Hibernians)*



*Michael Mifsud (Valletta) innewtralizzat mill-gowlkiper ta' Hibernians Mario Muscat*



## SUPER CUP

**03.08.2012 - 20.00 hrs**

**Valletta** 3
M. Mifsud 25, L. Da Silva 31, D. Falzon 34

**Hibernians** 1
J. Lima 45

HT 3-1 **National Stadium**

**Valletta** – Manuel Bartolo, Roderick Briffa, Ian Azzopardi (Kevin Sammut 64), Steve Borg, Ricardo Rocha, Gabriel Da Silva (Edmond Agius 84), William Barbosa, Michael Mifsud, Leandro Da Silva (Ian Zammit 84), Dyson Falzon, Ryan Fenech
*Coach* – Mark Miller

**Hibernians** – Mario Muscat, Adrian Pulis (Steve Pisani 46), Ryan Camilleri, Rodolfo Soares, Marcelo Dias (Anderson Ribeiro 72), Andrew Cohen, Bjorn Kristensen, Edward Herrera, Jason Vandelannoite, Jackson Lima, John Nwoba (Johann Bezzina 75)
*Coach* – Michael Woods

Referee – Paul Caruana
Assistenti – Konrad Borg, Chris Francalanza
Raba' Uff. – Malcolm Spiteri
Ammoniti – M. Dias (H), W. Barbosa, I. Azzopardi (V)



Jamie Pace (Balzan) jixħet il-ballun bir-ras fil-kaxxa l-kbira ta' Hamrun Spartans

# Jingħata bidu għat-98 Kam

## Iċ-champions Valletta jibdew id-difiża b'rebħa diffiċ

**Proprju matul tmiem il-ġimgħa li għadda, ingħata bidu għat-98 Kampjonat fl-istorja tal-futbol Malti ... fejn iċ-champions Valletta bdew id-difiża tagħhom b'rebħa diffiċli ta' 1-0 fuq Tarxien Rainbows.**

Kien programm li fih ġew skorjati 17-il gowl minn sitt partiti bil-logħba tal-ġimgħa tkun dik bejn ir-rivali antiki Floriana u Sliema Wanderers li spiċċat fi draw ta' 1-1. Kienet logħba bilanċjata u movimentata fejn l-iskor seta' mar fuq kull naħa li baqgħet inċerta sal-aħħar.

Il-logħba bejn Qormi u Rabat Ajax tellgħet is-siparju tal-Kampjonat fejn ir-Rabtin għamlu r-ritorn tagħhom fil-Premier wara nuqqas ta' 11-il sena. Minkejja li offrew sfida denja, kienu l-Qriema li ħarġu rebbieħa bl-iskor ta' 1-0 bil-gowl importanti jasal minn Joe C_tcuti.

Hamrun Spartans kienu minn fost l-aktar klabbs attivi fis-suq tat-trasferimenti, li iżda, setgħu biss jispiċċaw fi draw ta' 2-2 kontra Balzan FC, li kienu t-tim rivelazzjoni tal-istaġun li għadda. Dawn tal-aħħar setgħu ħarġu bit-tliet punti ... iżda l-attakkant Brażiljan, Pedro Dos Santos Calcado, falla l-ewwel penalti tal-Kampjonat ... bil-kollega tiegħu Renato Conceicao jkun ukoll l-ewwel plejer imkeċċi!!

Valletta, kien mistenni ħafna aktar minnhom wara li saħħew l-iskwadra tagħhom u kellhom prestazzjonijiet mill-aktar sodisfaċenti fil-kompetizzjoni Ewropea tal-UEFA Champions League. Iżda, mingħajr ma jitnaqqas l-ebda mertu mill-isfida denja ta' Tarxien Rainbows, il-Lilywhites kienu biss id-dell tal-




# pjonat

## kontra Tarxien R.

forma solita tagħhom. Min-naħa pożittiva ... huma xorta waħda ħarġu rebbieħa bil-gowl jasal fl-aħħar 20 minuta minn daqqa ta' ras tas-sostitut, Jonathan Caruana.

Hibernians irnexxielhom jegħlbu ostaklu diffiċli billi għelbu lil Mosta bl-iskor ta' 3-2 wara li dawn tal-aħħar saħħew l-iskwadra tagħhom b'għadd ta' akkwisti tal-ogħla livell matul dan is-suq tat-trasferimenti li jinkludu lit-tliet plejers internazzjonali - il-gowlkiper Justin Haber, id-difensur Luke Dimech u l-attakkant Daniel Bogdanovic.



Josef Mifsud (Sliema W.) jantiċipa lil Ryan Darmanin (Floriana)

Forsi dawn tal-aħħar bdew l-avventura tagħhom b'dan id-diżappunt iżda l-Kampjonat huwa maratona ta' 32 partita u għaldaqstant għad irridu naraw il-massimu ta' dan it-tim.

Min-naħa tal-Pawlisti, minkejja li kienu b'bosta plejers regolari neqsin taw twissija li se jkunu minn fost l-isfidanti ewlenin għar-rebħ tat-titlu.

L-aħħar partita ta' dan il-programm kienet bejn Birkirkara u Melita li l-Karkariżi ħarġu rebbieħa bl-iskor ta' 4-0. Kif jindika r-riżultat, dan kien wieħed diffiċli għat-tim modest ta' Melita li kien qed jirritorna fl-ogħla diviżjon wara 48 sena.

Interessanti l-fatt kif l-iskorers Karkariżi kienu kollha plejers barranin. Barra minn hekk, din ir-rebħa kbira (għalkemm kienu qed jilagħbu kontra tim mingħajr ebda esperjenza tal-Kampjonat Premier) tfisser li l-Istripes għandhom skwadra armata biżżejjed biex "tisraq" ix-xettru tal-Beltin!!



Jean Pierre Mifsud Triganza (Birkirkara) jiddefendi l-ballun minn George Gribbon (Melita)



Il-plejers ta' Hamrun Spartans iżommu banner b'rispett lejn il-partitarju żagħżugħ Brenton Mifsud li miet ftit tal-jiem ilu




Gabriel (Valletta) ittakiljat minn Justin Grioli (Tarxien R.)





Abubakar Bello-Osagie (Qormi) ibiegħed il-periklu bejn żewġ plejers ta' Rabat Ajax



Alex Cini (Mosta) attakkat minn Johann Bezzina (Hibernians)



Ivan Woods (Sliema W.) jipprova jisraq il-ballun mingħand Owen Bugeja (Floriana)



Heiner Backhaus (Rabat A.) itajjar il-ballun minn fuq Jonathan Bondin (Qormi)

**PREMIER**

**Logħba Nru 01 - 18.08.2012 - 18.30 hrs**

**Rabat Ajax** 0

**Qormi** 1
J. Chetcuti 19

HT 0-1 **National Stadium**

**Rabat A.** – Sean Mintoff, Geatano Gesualdo (Christian Muscat 55), Christopher Schembri, Ivan Carapic, Heiner Backhaus (Joseph Caruana 62), Nerijus Astrauskas, Adam Smeir, Manuel Moral Fuster, Dylan Falzon, Ryan Micallef (Justin Felice 79), Yan Cauchi
*Coach* – Silvio Vella
**Qormi** – Matthew Farrugia, Kris Thackray, Roderick Sammut, Matthew Bartolo, Joseph Chetcuti (Carmelo Farrugia 84), Abubakar Bello-Osagie (Alessio Cassar 79), Luke Sciberras, Matthew Gauci, Gabriel Buttigieg (Stephen Wellman 69), Jonathan Bondin, Leighton Grech
*Coach* – Stephen Azzopardi
Referee – Paul Caruana
Assistenti – Mariano Debono, Roberto Vella
Raba' Uff. – Adrian Azzopardi
Ammoniti – L. Grech, M. Gauci (Q); I. Carapic (RA)

**PREMIER**

**Logħba Nru 02 - 18.08.2012 - 20.30 hrs**

**Sliema Wanderers** 1
I. Woods 35

**Floriana** 1
V. Alhinho 31

HT 1-1 **National Stadium**

**Sliema Wanderers** – Henry Bonello, John Mintoff, Branislav Timotic, Josef Mifsud, Luca Martinelli, Matias Muchardi, Beppe Muscat, Pablo Gonzales (Omar El Ghaouti 77), Alex Muscat (David Fenech 84), Ivan Woods, Miguel Ciantar (Andrew Decesare 69)
*Coach* – Alfonso Greco
**Floriana** – Jurgen Borg, Thomas Paris (Sacha Borg 78), Tyrone Farrugia, Owen Bugeja, Kane Farrugia, Brooke Farrugia, Valdo Alhinho, Clyde Borg (Trevor Cilia 68), Duncan Pisani, Christian Caruana, Ryan Darmanin
*Coach* – Mark Wright
Referee – Trustin Farrugia Cann
Assistenti – Edward Spiteri, Sammy Attard
Raba' Uff. – Marco Borg
Ammoniti – B. Farrugia, T. Farrugia, C. Borg, C. Caruana (F); J. Mintoff, M. Muchardi (SW)

**PREMIER**

**Logħba Nru 03 - 19.08.2012 - 18.30 hrs**

**Hamrun Spartans** 2
M. Grima 14, T. Scerri 51

**Balzan** 2
M. Mendy 19, P. Calcado 66

HT 1-1 **National Stadium**

**Hamrun S.** – Andrea Cassar, Gianluca Calabretta (Luke Grech 79), Roderick Fenech, Massimo Grima, Terence Scerri, Terence Vella (Ryan Spiteri 72), Daniel Zerafa, Adrian Ivanov, Angel Yoshev, Lybomir Vitanov, Nikol Bozhov
*Coach* – Stefan Sultana
**Balzan** – Matthew Camilleri, Aaron Agius (Martin Deanov 62), Yessous Camilleri, Matthew Mendy, Stefan Giglio, Renato Garcia Conceicao, Jamie Pace, Dylan Grima, Jonathan Francica (Malcolm Licari 78), Pedro Calcado, Elton Alex Da Silva
*Coach* – Joe Borg
Referee – Mario Apap
Assistenti – Paul Apap, William Debattista
Raba' Uff. – Clayton Pisani
Ammoniti – P. Calcado, M. Mendy (B), A. Yoshev, T. Vella, R. Fenech (HS)
Tkeċċa – R. Conceicao 92 (B)

**PREMIER**

**Logħba Nru 04 - 19.08.2012 - 20.30 hrs**

**Valletta** 1
J. Caruana 68

**Tarxien Rainbows** 0

HT 0-0 **National Stadium**

**Valletta** – Manuel Bartolo, Steve Borg, Ryan Fenech (Jonathan Caruana 62), Joao Gabriel Da Silva, Leandro Da Silva Almeida, Roderick Briffa, Ricardo Barreto Da Rocha Filho, Dyson Falzon (Ian Azzopardi 80), William Barbosa (Denni Rocha dos Santos 62), Michael Mifsud, Shaun Bajada
*Coach* – Mark Miller
**Tarxien R.** – Nicholas Vella, Carlo Mamo, Andrew Agius (Manuel Caruana 80), James Shead (Mark Tanti 76), Danilo Meira Santos, Karl Pulo (Warren Chircop 88), Daniel Mariano Bueno, Luiz Romulo De Castro, Orosco Anonam, Steven Bonnici, Justin Grioli
*Coach* – Danilo Doncic
Referee – Adrian Azzopardi
Assistenti – Alan Camilleri, Roberto Vella
Raba' Uff. – Paul Caruana
Ammoniti – S. Borg (V); D. M. Bueno, K. Pulo, L. R. De Castro (TR)

**PREMIER**

**Logħba Nru 05 - 20.08.2012 - 18.30 hrs**

**Hibernians** 3
S. Pisani 34, M. Dias 38, 39

**Mosta** 2
J. Bajada 58, D. Mitev 77

HT 3-0 **Hibernians Stadium**

**Hibernians** – Mario Muscat, Ryan Camilleri, Jonathan Pearson, Steve Pisani (Brandon Muscat 88), Rodolfo Soares, Marcelo Dias (Anderson Mendes Ribeiro 59), Andrew Cohen, Bjorn Kristensen (Ayrton Azzopardi 46), Johann Bezzina, Zoran Levnaic, Jacskon De Lima Sequeira
*Coach* – Michael Woods
**Mosta** – Justin Haber, Fernando Apap, Alex Cini, Luke Dimech, Steve Bezzina (Byran Agius 70), Ryan Grech, Danial Mitev, Firas Aboulezz (Jonathan Bajada 56), Carlos Compagnoli, Daniel Bogdanovic, Obinna Obiefule
*Coach* – Steve D'Amato
Referee – Alan Mario Sant
Assistenti – Ingmar Spiteri, Paul Apap
Raba' Uff. – Paul Caruana
Ammoniti – M. Dias, A. Azzopardi, Z. Levnaic, A. Ribeiro, S. Pisani (H); O. Obiefule, C.

**PREMIER**

**Logħba Nru 06 - 20.08.2012 - 20.30 hrs**

**Birkirkara** 4
J. Dos Reis 8, 52, H. Shodiya 65 pen, Jhonnattann 76 (B)

**Melita** 0

HT 1-0 **Hibernians Stadium**

**Birkirkara** – Reuben Gauci, Alejandre Mendoza, Ryan Camenzuli, Gareth Sciberras, Rowen Muscat (David Spiteri 90), Paul Fenech, Ryan Scicluna, Jean Pierre Mifsud Triganza (Jhonnattan Da Conceicao 72), Zach Muscat, Joselito Dos Santos (Joseph Zerafa 80), Shola Haruna
*Coach* – Paul Zammit
**Melita** – Karl Zahra, Karl Vella Petroni (Daniel Gravino 88), George Gribbon, Rudi Alinho, Jovan Vukanic, Luke Sammut, Julian Galea, Michael Valenzia (Kane Micallef 46), Luke Micallef, Nicolo Baldacchino Orland (Simon Galea 46), Jose Armaro Negrin
*Coach* – Martin Gregory
Referee – Malcolm Spiteri
Assistenti – Mitchell Scerri, Emanuel Grech
Raba' Uff. – Andre Arciola
Ammonit – J. Negrin (M)




It-tim ta' Birkirkara qabel il-logħba kontra Olimpia Cluj

# BIRKIRKARA jospitaw tournament tar-rawnd preliminari f'Malta

**Iċ-champions Maltin tal-futbol tan-Nisa, Birkirkara, matul dan ix-xahar ospitaw wieħed mill-mini-tournaments tar-rawnd preliminari tal-UEFA Champions League li kien jinkludi wkoll lit-timijiet ta SU Dezembro (Portugall), Glentoran Belfast United (Irlanda ta' Fuq) u Olimpia Cluj NA (Rumanija).**

Filwaqt li, bl-għajnuna tal-Malta Football Association, l-organizzazzjoni kienet fuq l-ogħla livell, it-tim Karkariż kellu wirjiet sodisfaċenti minbarra dik tal-ftuħ fejn ħarġu telliefa bl--iskor ta' 8-0 kontra Olimpia Cluj.

Kif jindika r-riżultat, din il-partita kienet mingħajr l-ebda storja fejn l-Istripes ġew maħsuda b'gowls kmieni biex l-avversarji ddominaw dan il-konfront.

Fil-partita sussegwenti, dik kontra Dezembro, it-tim immexxi mill-kowċ Johann Scicluna, niżel bi pjan iddixiplinat u ta' kontenment fejn ftit li xejn ta spazju lill-Portugiżi biex jimmanuvraw. Kulħadd antiċipa goleada oħra iżda l-Karkariżi kellhom ħsibijiet oħra u ħarġu telliefa b'gowl minimu ta' 1-0. Dan ir-riżultat jitqies bħala wieħed "suċċess" hekk kif l-aħħar darba li dawn iż-żewġ timijiet iltaqgħu fl-istess kompetizzjoni ta' sentejn ilu, il-Portugiżi ħarġu rebbieħa bl-iskor ta' 10-0.

Birkirkara temmew l-impenji tagħhom f'din il-kompetizzjoni b'telfa ta' 3-1 kontra Glentoran Belfast United. Matul l-ewwel taqsima l-logħob kien wieħed maqsum minkejja li l-Irlandiżi gawdew aktar mill-pussess tal-ballun, li iżda, ma setgħux isibu t-triq lejn ix-xibka Karkariża.

Kien erba' minuti fuq il-ħin normali tal-ewwel taqsima li huma fetħu l-iskor liema gowl iddemoralizza lill-plejers Maltin. Fit-tieni taqsima, l-Istripes xeħtu kollox fuq l-attakk iżda reġgħu kienu l-Irlandiżi li skorjaw żewġ gowls oħra biex il-logħba kienet mirbuħa u mitlufa.

Proprju kien fil-ħin miżjud tal-partita li Birkirkara naqqsu l-marġni b'gowl bir-ras minn Kirsty Feasey minn azzjoni ta' corner.

Dan il-grupp intrebaħ mir-Rumeni, Olimpia Cluj, li kisbu punti massimi.


It-tim ta' Birkirkara qabel il-logħba kontra Glentoran Belfast United



Chantal Fenech (Birkirkara) tixxuttja l-ballun fil-logħba kontra Glentoran Belfast United

Gabriella Zahra (Birkirkara) segwita minn Lisa Downey (Glentoran Belfast United)



It-tim ta' Olimpia Cluh qabel il-logħba kontra Birkirkara



KIF SPIĊĊAW

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Olimpia Cluj | 3 | 3 | 0 | 0 | 16 | 3 | 9 |
| Dezembro | 3 | 2 | 0 | 1 | 6 | 4 | 6 |
| Glentoran | 3 | 1 | 0 | 2 | 5 | 9 | 3 |
| Birkirkara | 3 | 0 | 0 | 3 | 1 | 12 | 0 |

**11.08.2012 - 17.30 hrs**

**SU Dezembro** 4
A. Silvia 7, F. Galvao 55, E. Ventura 2, M. Fontes 92

**Glentoran BU** 0

HT 2-0 **Centenary Stadium**

**Dezembro** – Patricia Morais, Sara Ribeiro, Solange Carvalhas, Elsa Ventura, Paula Cristina, Patricia Gouvela, Filipa Galvao (Lara Matos 68), Silvia Brunheira, Andreia Silvia (Maria Madalena Elvas Fontes 73), Filipa Patao (Beatriz Fernandes 78), Ana Francisco
*Coach* – Nuno Cristovao
**Glentoran** – Alice Harkness, Lyndsay Corry, Kelly Bailie, Lisa Downey, Claire Rea, Demi Vance, Kirsty McGuinness (Ashley Murray 61), Nadene Caldwell, Gail Macklin (Eva McCloskey 70), Caragh Milligan (Jessica Foy 74), Charney Burk
*Coach* – Cheryl Lamont
Referee – Gordana Kuzmanovic (Serbja)
Assistenti – Dragana Veljkovic (Serbja), Albert Borg Cardona (Malta)
Raba' Uff. – Karl Frendo Cumbo (Malta)
Ammoniti – Ħadd

**11.08.2012 - 20.00 hrs**

**Olimpia Cluj** 8
C. Dusa 9, 90 pen, R. Sarghe 15, A. Lunca 21, A. Voicu 22, C: Olar 39, S. Vatafu 61, 82

**Birkirkara** 0

HT 5-0 **Centenary Stadium**

**Olim. Cluj** – Mirela Ganea (Ana Maria Gaita 64), Andrea Corduneau, Maria Ficzay, Ioana Bortan, Corina Olar, Adina Giurgiu, Stefania Vatafu, Raluca Sarghe, Andrea Voicu (Roxana Prunean 57), Alexandra Lunca, Cosmina Dusa
*Coach* – Mirel Albon
**Birkirkara** – Janice Xuereb, Gabriella Zahra, Chantal Fenech, Kim Parnis, Stefania Farrugia, Rachel Cuschieri, Kirsty Feasey, Martin Cilia (Simone Buttigieg 67), Sacha Vella, Kelly Agius Pace (Rosann Xerri 89), Maryrose Cardona (Dorcas Debono 64)
*Coach* – Johann Scicluna
Referee – Mare Soro (Norveġja)
Assistenti – Monica Lokkeberg, Christina Jaworek (Norveġja)
Raba' Uff. – Riem Hussein (Ġermanja)
Ammoniti – G. Zahra, C. Fenech (B)

**13.08.2012 - 17.30 hrs**

**SU Dezembro** 1
A. Silvia 17

**Birkirkara** 0

HT 1-0 **Centenary Stadium**

**Dezembro** – Patricia Morais, Solange Carvalhas, Elsa Ventura, Lara Matos, Paula Cristina (Catarina Jesus Prata Carvalho 67), Mariana Cabral, Patricia Gouveia, Silvia Brunheira (Susana Alves 75), Andreia Silvia (Susana Alves 75), Filipa Patao, Ana Francisco
*Coach* – Nuno Cristovao
**Birkirkara** – Janice Xuereb, Gabriella Zahra, Chantal Fenech (Maryrose Cardona 64), Kimberly Parnis, Stefania Farrugia, Dorcas Debono (Rosann Xerri 81), Rachel Cuschieri, Kirsty Feasey, Martin Cilia (Simone Buttigieg 79), Sacha Vella, Kelly Pace
*Coach* – Johann Scicluna
Referee – Marte Soro (Norveġja)
Assistenti – Monica Lokkeberg (Norveġja), Dragana Veljkovic (Serbja)
Raba' Uff. – Gordana Kuzmanovic (Serbja)
Ammoniti – C. Fenech, K. Pace (B); P. Gouveia (D)

**13.08.2012 - 20.00 hrs**

**Glentoran BU** 2
C. Burk 16, D. Vance 74

**Olimpia Cluj** 4
C. Dusa 25, 76, 86, A. Lunca 84

HT 1-1 **Centenary Stadium**

**Glentoran** – Alice Harkness, Lyndsay Corry, Kelly Bailie, Lisa Downey, Claire Rea, Demi Vance, Kirsty McGuinness, Makyia Mulholland (Nadene Caldwell 67), Lisa Martin (Caragh Milligan 71), Jessica Foy (Emily Duffy 78), Charney Burk
*Coach* – Cheryl Lamont
**Olim. Cluj** – Ana Maria Gajta, Andreea Corduneanu (Roxana Prunean 87), Maria Ficzay, Corina Olar, Stefania Vaafu, Raluca Sarghe, Andreea Voicu, Mara Betea (Ioana Bortan 46), Alexandra Lunca, Daniela Gurz (Adina Giurgiu 46), Cosmina Dusa
*Coach* – Mirel Albon
Referee – Riem Hussein (Ġermanja)
Assistenti – Christian Jaworek (Ġermanja), Albert Borg Cardona (Malta)
Raba' Uff. – Karl Frendo Cumbo (Malta)
Ammoniti – Ħadd

**16.08.2012 - 17.00 hrs**

**Birkirkara** 1
K. Feasey 92

**Glentoran BU** 3
K. Bailie 45, K. McGuinness 72, 77

HT 0-1 **Centenary Stadium**

**Birkirkara** – Janice Xuereb, Gabriella Zahra, Chantal Fenech (Simone Buttigieg 70), Kimberly Parnis, Stefania Farrugia, Dorcas Debono (Maryrose Cardona 34), Rachel Cuschieri, Kirsty Feasey, Martina Cilia (Rosann Xerri 46), Sacha Vella, Kelly Pace
*Coach* – Johann Scicluna
**Glentoran BU** – Alice Harkness, Lyndsay Corry, Kelly Bailie, Lisa Downey, Claire Rea (Ashley Murray 760, Demi Vance, Kirsty McGuiness, Makyia Mulholland (Charney Burk 52), Nadene Caldwell, Gail Macklin (Collen Hilton 78), Caragh Milligan
*Coach* – Cheryl Lamont
Referee – Riem Hussein (Ġermanja)
Assistenti – Christine Jaworek, Monica Lokkeberg (Norveġja)
Raba' Uff. – Marte Soro (Norveġja)
Ammoniti – K. Parnis (B); M. Mulholland (G)

**16.08.2012 - 17.00 hrs**

**Olimpia Cluj** 4
C. Dusa 22, 34, 70, A. Lunca 59

**SU Dezembro** 1
A. Silvia 21

HT 2-1 **National Stadium**

**Olim. Cluj** – Ganea, Andrea Corduneanu (Roxana Prunean 81), Maria Ficzay, Ioana Bortan, Corina Olar, Adina Giurgiu (Daniela Gurz 62), Stefania Vatafu, Raduca Sarghe, Andrea Voicu, Alexandra Lunca (Mara Batea 86), Cosmina Dusa
*Coach* – Mirel Albon
**Dezembro** – Patricia Morais, Sara Ribeiro (Lara Matos 75), Elsa Ventura, Paula Cristina, Mariana Cabral (Maria Elvas Fontes 58), Patricia Gouveia, Filipa Galvao, Silvia Brunheira, Andreia Silvia, Filipa Patao (Beatriz Fernandes 30), Ana Francisco
*Coach* – Nuno Cristovao
Referee – Gordana Kuzmanovic (Serbja)
Assistenti – Dragana Veljkovic (Serbja), Albert Borg Cardona (M)
Raba' Uff. – Karl Frendo Cumbo (Malta)
Ammoniti – M. Ficzay, C. Olar, S.Vatafu (C); M. Cabral, A. Francisco (D)
Tkeċċiet – S. Vatafu (C)




# Il-Youths ta' Pietà Hotspurs jirbħu d-double

**It-tim tal-Youths ta' Pietà Hotspurs, matul l-istaġun li għadda rebaħ id-double li jinkludi r-rebħ tal-Kampjonat kif ukoll ir-rebħ tan-Knock-Out.**

Din l-iskwadra tippossjiedi talenti straordinarji hekk kif bosta minn dawn il-plejers diġà jilagħbu mal-ewwel skwadra u għaldaqstant għandhom ukoll l-esperjenza kollha neċessarja.

Din kienet l-ewwel darba li t-tim tal-Youths tal-Hotspurs laħaq dan it-tragward. U dan huwa kollu mertu tad-dixxiplina, is-serjetà u d-determinazzjoni tal-plejers kif ukoll tal-istaff tekniku li għandhom l-appoġġ tal-kumitat ħabrieki, immexxi miċ chairman Frankie Ciantar.

Dan is-suċċess ikompli jikkonferma li l-klabb ta' Pietà Hotspurs għandu minn fost l-aqwa Nurseries f'pajjiżna.

SPORTIV ħa l-kummenti tal-president ta' Pietà Hotspurs FC, Joe Sammut, li esprima s-sodisfazzjon tiegħu għal dan is-suċċess.

"Ninsab kuntent ħafna li ksibna d-double. Dan is-suċċess huwa riżultat tas-sagrifiċċji u tal-ħidma kontinwa li hija waħda kollettiva. Il-kumitat emmen fi tmexxija ġdida biex inpoġġu lil dan il-klabb fuq sisien u pedamenti sodi biex eventwalment ilħaqna l-obbjettivi tagħna.

"Issa rridu nkomplu nibnu fuq dan is-suċċess iżda l-importanti huwa li nżommu saqajna mal-art."

Sadanittant, matul ix-xahar li għadda, in-Nursery ta' Pietà Hotspurs ħadet sehem b'suċċess fit-tournament tal-Dalecarlia Cup, fl-Isvezja.

Din in-Nursery ħadem sehem bi tliet kategoriji - Under 10, Under 11 u Under 12.

Fil-kategorija ta' Taħt l-10 snin, li kien f'forma ta' round robin, it-tim tal-Hotspurs iddomina dan il-grupp fejn rebaħ is-seba' partiti biex kiseb punti massimi kif ukoll skorja xejn inqas minn 75 gowl.

Dan it-tim ġie mfaħħar mill-ġurnali lokali, fejn saħansitra f'ġurnal minnhom ġie ppubblikat artiklu fil-faċċata ta' quddiem u anke intervista mal-plejer Miguel Micallef, li fl-istaġun li ġej se jingħaqad mal-klabb Spanjol ta' Villarreal.

Fil-kategorija ta' Taħt il-11-il sena, in-Nusery Maltija ppateċipat b'żewġ timijiet. Dan it-tournament kien maqsum f'żewġ gruppi li ntlagħab ukoll f'forma ta' round robin.

It-tim ta' Pietà Orange rebaħ is-seba' partiti biex kiseb punti massimi u rebaħ il-grupp rispettiv filwaqt li Pietà Blue rebaħ l-ewwel sitt partiti u tilef l-aħħar waħda iżda xorta waħda rebaħ il-grupp tiegħu.

Fil-kategorija ta' Taħt it-12-il sena, in-Nursery ta' Pietà, ħadet sehem bi tliet timijiet. Din il-kategorija kienet maqsuma f'erba' gruppi fejn it-tliet timijiet ta' Pietà Whites u Pietà Orange rnexxielhom jikklassifikaw mal-aħħar 16 iżda sfaw eliminati filwaqt li Pietà Blue sfaw eliminati mill-grupp tagħhom.

Minbarra l-attivitajiet relatati mal-futbol, it-tfal kellhom l-opportunità li jżuru Leksand Soomerland Fun Park, Laser Game u l-Aqua Park.

Il-kontinġent, li kien kompost minn 82 persuna, kien immexxi miċ-chairman Frankie Ciantar u l-head coach Michael Farrugia.

# JOSEPH SAMMUT
CO. LTD. • Est. 1977

# Turnkey Contractors

- All Types of Plastering - kisi
- Pointing - fuq il-fil
- Painting - żebgħa - Gypsum
- Drain Laying
- Tile Laying
- Building Alterations
- Restoration Works
- All kinds of Decoration Works

*Over 30 Years of Expertise - No Job is too small or too big!*

10, Triq Ħal Qormi, Sta. Venera
Tel: 2144 5380, 9949 2539 Fax: 2144 3093
e-mail: jsammut.ltd@mail.global.net.mt



# Matthew Sultana jirrappreżenta lil Malta fil-Logħob Paralimpiku

Matthew Sultana se jkun l-atleta Malti li se jirrappreżenta lil pajjiżna waqt il-Logħob Paralimpiku li se jsir f'Londra fil-jiem li ġejjin bejn id-29 ta' Awwissu u d-9 ta' Settembru. Sultana ser ikun qed jipparteċipa fil-50m freestyle, 100m butterfly u 100m breaststroke. Dan l-aħħar Sultanta rebaħ tliet midalji f'kompetizzjoni internazzjonali tal-għawm li saret f'Berlin.

### Eżempju għal atleti b'diżabbiltà

Din l-opportunità għal Sultana ġiet mingħajr ma kienet mistennija. Sa ftit tax-xhur ilu, fil-fatt, il-paralimpijadi ma kienux fuq l-aġenda tiegħu. Madankollu kollox ħa xejra oħra meta riċentament kiseb suċċess kbir barra minn xtutna. Hu rebaħ tliet midalji fil-kategorija tal-età tiegħu fl-International Disability Meeting li sar f'Berlin il-Ġermanja - tnejn tal-fidda u waħda tal-bronż. Sultana, li fil-ġimgħa jitħarreġ disà sessjonijiet ta' siegħa u nofs-il waħda, qed jagħmel ħiltu kollha biex jilħaq l-ogħla livell possibbli.

F'kummenti lil SPORTIV, l-atleta żagħżugħ ta' 15-il sena saħaq li ħadd ma għandu jibqa' lura u li d-diżabbiltà m'għandhiex isservi ta' ostaklu biex wieħed iwettaq dak li jixtieq f'ħajtu. Il-Kap Eżekuttiv ta' Inspire, Nathan Farrugia, kellu kliem ta' inkoraġġiment għal persuni b'diżabbiltà li jitħajru jipparteċipaw f'xi dixxiplina sportiva. Sultana hu xhieda tal-fatt li wieħed għandu dejjem iħares lil hinn mid-diżabbiltà u jiffoka minflok fuq l-abbiltà. Xhieda li bir-rieda u determinazzjoni wieħed jista' jiżviluppa t-talenti tiegħu, u għaliex le, jasal biex bħal dan iż-żagħżugħ jirrappreżenta lil pajjiżna f'avveniment tant prestiġjuż bħalma huma l-paralimpijadi.

### Il-Gvern jassisti l-isport Paralimpiku

Aktar kmieni dan ix-xahar, is-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport, Clyde Puli laqa' delegazzjoni mill-Malta Paralympic Committee and Associate Disciplines (MPCAD) kif ukoll lill-għawwiem Sultana. Id-delegazzjoni kienet immexxija mill-President Nathan Farrugia. Preżenti kien hemm ukoll ix-Chef de Mission Fabio Spiteri u l-kowċ Ebi Mohammadpour.

Is-Segretarju Parlamentari kien akkumpanjat miċ-Chairman tal-Kunsill Malti għall-iSport, Bernard Vassallo. Clyde Puli awgura lil Sultana li ser ikun qed jipparteċipa fil-Logħob Paralimpiku. Huwa qal li Matthew Sultana għandu jkun mudell li jiġbed aktar żgħażagħ lejn l-isport. Waqt il-laqgħa, Puli ddiskuta l-pjani għall-iżvilupp tal-isport paralimpiku sa mill-livell tal-grassroots u x-xogħol li qed isir mill-viċin bejn il-MPCAD u l-KMS. Fi tmiem il-laqgħa Puli ppreżenta l-assistenza lill-Malta Paralympic Committee and Associate Disciplines biex tkompli l-ħidma tagħha f'dan il-qasam importanti.



Il-Paralimpiċi huma meqjusin kompetittivi ħafna u wieħed irid jikseb riżultati eċċellenti biex jitħalla jieħu sehem. Malta tista' tibgħat atleta wieħed biex jieħu sehem u f'dawn l-aħħar xhur Sultana kien qed jitħarreġ l-Inspire mal-kowċ Ebi Mohammadpour. Il-Kumitat Paralimpiku Malti (MPC) twaqqaf b'rabtiet ma' diversi għaqdiet sportivi nazzjonali, bil-għan li jippromwovi sport paralimpiku u dixxiplini assoċjati oħrajn fost żgħażagħ b'xi diżabilità fiżika, permezz tal-assoċjazzjonijiet sportivi rispettivi, flimkien m'għaqdiet non-governattivi bħalma hi l-Inspire li toffri sostenn lill-kowċis dwar adattamenti u fil-proviżjoni tal-apparat.




# Jinfetaħ outdoor gym ieħor f'Ħaż-Żabbar

Tkompli l-ħidma f'din il-leżislatura biex jinfetħu numru ta' outdoor gyms madwar Malta bil-għan li l-attività fiżika tkun aċċessibbli għal kulħadd

Nhar it-Tlieta, 31 ta' Lulju, l-Onorevoli Clyde Puli, Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport, fetaħ outdoor gym f'Ħaz-Żabbar li jinsab fil-Kumpless tal-futbol ta' St Patrick FC. Waqt id-diskors tiegħu, l-Onorevoli Puli qal li matul din il-leġislatura, il-Gvern nieda pjan biex jiftaħ numru ta' outdoor gyms madwar Malta bil-għan li l-isport u l-attività fiżika jkunu aktar aċċessibbli għan-nies fil-komunità.

B'dan il-mod, il-Gvern ikun qed jiżgura li f'pajjiżna tidħol il-kultura ta' attività fiżika regolari bħala stil ta' ħajja għal soċjetà aktar b'saħħitha. L-Onorevoli Puli tenna li apparti dan l-outdoor gym f'Ħaz-Żabbar, il-Gvern diġà fetaħ żewġ outdoor gyms oħra f'Ta' Qali u fil-Mellieħa u saħaq li fil-ġimgħat li ġejjin se jkun qed jiftaħ aktar outdoor gyms fosthom f'H'Attard u f'Ħal Qormi.

Is-Segretarju Parlamentari qal li dawn l-outdoor gyms jingħaqdu ma' inizjattivi sportivi oħra tal-Gvern fosthom il-firxa ta' programmi sportivi fl-iskejjel u fil-komunità u l-bini u l-immodernizzar ta' faċilitajiet sportivi ta' kwalità.



# Xahar impenjattiv għal Special Olympics Malta



kunsill malti
għall-isport
www.sportmalta.org.mt

Ix-xahar ta' Settembru se jkun wieħed mill-aktar impenjattivi għal Special Olympics Malta. Dan minħabba li lejn it-tmiem ix-xahar li ġej, bejn il-25 u t-28 ta' Settembru, il-kumitat Malti ta' Special Olympics se jkun qiegħed jorganizza l-logħob nazzjonali. Għal dan il-logħob se jkun hemm mistiedna wkoll anki atleti mill-Italja.

B'kollox se jipparteċipaw 'il fuq minn 400 atleta f'dan il-logħob. Anna Calleja, Direttur ta' Special Olympics Malta, ikkonfermat li abbinat ma' dan il-logħob se jsir f'Malta programm speċjali, magħruf bħala il-Healthy Athlete Programme. Fil-fatt, dawn l-400 atleta se jiġu skrinjati u analizzati minn team mediku li se juża apparat apposta li ntbagħat mill-Istati Uniti minn Special Olympics Internazzjonali. Barra dan, se jintuża wkoll apparat ieħor ipprovdut mill-Ministeru tas-Saħħa.

'Il fuq minn 200 voluntier se jieħdu sehem f'din l-attività. Biex tiġi organizzata din l-attività, Special Olympics Malta qiegħed ikun mgħejjun mill-Kunsill Malti għall-iSport, mill-Ministeru tal-Edukazzjoni u mill-Ministeru tas-Saħħa.

"It-team mediku se jkun qiegħed jinvista l-atleti u se jsir qabel xejn check-up tal-għajnejn ta' kull atleta. F'każ li xi atleta jkollu bżonn nuċċali se jsirlu wieħed dak il-ħin stess. Kull atleta se jingħata wkoll "goggles" apposta bix jintużaw waqt il-kompetizzjoni sportiva," tenniet Calleja.

Il-Healthy Athlete Programme se jsir kollu fil-Kumpless Sportiv tal-Kottonera.

L-atleti se jiġu analizzati wkoll minn saqajhom u se jsirilhom ukoll check up b'mod ġenerali. L-atleti fi ħdan Special Olympics Malta se jibbenefikaw ukoll minn apparat ta' hearing aid li ingħata ġentilment minn Lions Club International.

Iċ-ċerimonja tal-ftuħ tal-Logħob se ssir, fil-25 ta' Settembru, filgħaxija fil-Marsa Sports Grounds. Calleja finalment ikkonfermat ukoll li din l-attività ma kinetx tkun possibbli li ssir mingħajr l-għajnuna tal-Kunsill Malti għall-iSport, il-korp tal-pulizija, is-Segretarjat Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport u l-Ministeru tas-Saħħa.







# Tkompli l-ħidma fuq l-Akkademji...



Is-sajf reġa' magħna u wara l-ħidma li saret fl-akkademji tax-xitwa ma jistax jonqos li l-akkademji jerġgħu jkunu fil-lista twila ta' programmmi li joffri l-Kunsill Malti għall-iSport. Il-fatt li dawn l-akkademji qegħdin miftuħa fis-sajf ukoll ikompli jkattar aktar sens ta' kontinwità fl-akkademji, f'sens li t-tfal mhux jaqtgħu kompletament mill-isport partikolari li jkunu għażlu iżda jibqgħu f'kuntatt kontinwu.

Il-filosofija tal-akkademji tibqa' l-istess, dik li t-tfal jibqgħu jispeċjalizzaw f'dak l-isport partikolari li jkunu għażlu filwaqt li jissoċjalizzaw u jieħdu pjaċir bit-taħriġ. Fl-istess ħin jingħataw l-attenzjoni individwali meħtieġa. Fl-akkademji ninkoraggixxu l-parteċipazzjoni u l-iżvilupp fit-talent b'mod dirett.

L-akkademji tal-għawm u l-atletika issoktaw filwaqt li għall-ewwel darba ġiet introdotta l-akkademja tal-Billiard u l-iSnooker.



Is-sessjonijiet tal-akkademja tal-għawm, immexxija minn John Borg u Miguel Velezquez, qiegħda tiġbor fiha tfal li għandhom bejn sebgħa u sittax-il sena. Is-sessjonijiet qed isiru fil-Kumpless Sportiv, f'Tal-Qroqq, kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ħamis bejn it-3.00 p.m. u l-4.00 p.m. Tnax-il tifel u tifla jattendu dan it-taħriġ.

Is-sessjonijiet tal-akkademja tal-atletika qegħdin jitmexxew minn: Mark Farrugia, Jesmond Bonnici, Richalda Galea u kif ukoll David Cardona. Din l-akkademja qiegħda tiġbor fiha tfal li għandhom età bejn sitta u sittax–il sena u hija mifruxa f'postijiet differenti. Fil-fatt f'din l-akkademja nilqgħu 78 tifel u tifla differenti. Is-sessjonijiet tal-atletika huma mifruxin fi tliet lokalijiet differenti. Dawn huma fil-Kulleġġ San Injazju tal-Ħandaq, f'Ħal Qormi, fil-Kumpless Sportiv ta' Ħal Kirkop, u kif ukoll fil-Kullegg Maria Regina fil-Mosta.

F'Ħal Qormi, is-sessjonijiet qegħdin isiru nhar ta' Tlieta u Hamis, mis-7.15 p.m. sat-8.30 p.m.

F'Ħal Kirkop qegħdin isiru kull nhar ta' Tlieta u Hamis, mis-5.45 p.m. sas-7.15 p.m., filwaqt li nhar ta' Tnejn u Erbgħa, mis-7.15 p.m. sat-8.30 p.m., ikun hemm is-sessjonijiet fil-Mosta. Dawn huma kollha skejjel sekondarji tas-Subien u huma wkoll l-istess lokalitajiet li huma miftuħin għall-'Walking and Jogging Club'.



Is-sessjonijiet tal-Billiard u l-iSnooker qegħdin isiru fil-Kumpless Sportiv, f'Tal-Qroqq, mit-Tnejn sal-Ġimgħa. Hawnhekk wieħed jista' jsib sala mgħammra b'erba' mwejjed professjonali. Total ta' 25 tifel u tifla jieħdu sehem f'din l-akkademja mmexxija minn Alex Borg.

Tajjeb li wieħed isemmi li l-applikazzjonijiet tal-akkademji tas-sajf huma magħluqa. Madankollu jekk wieħed ikun interessat biex japplika għall-akkademji jista' jagħmel dan aktar 'il quddiem meta eventwalment f'Ottubru jibdew l-Akkademji tax-xitwa.

L-akkademji konfermati li ser jibdew minn Ottubru ser ikunu dawn li ġejjin:

- L-akkademja tal-atletika
- L-akkademja tal-*billiards* u *snooker*
- L-akkademja tal-għawm
- L-akkademja tal-isparar
- L-akkademja tat-tiġrijiet taż-żwiemel

Għall-aktar tagħrif wieħed jista' jirrikorri personalment fl-uffiċċji tal-Kunsill Malti għall-iSport fil-Kumpless Sportiv tal-Kottonera jew iċempel lill-Kunsill Malti għall-iSport fuq 21660647/8, 21660657/8 jew saħansitra permezz ta' *email* fuq kms@sportmalta.org.mt.



# Regatta Jum il-Vitorja

# Bormla jimmiraw li jwaqqfu d-dominanza tal-Isla

F'din l-edizzjoni tar-regatta nazzjonali ta' Jum il-Vitorja, mistennija sfida qawwija minn Bormla fit-tentattiv li jwaqqfu d-dominanza tal-Isla. Filwaqt li sentejn ilu l-Isla sabu kompetizzjoni diffiċli mill-istess Bormliżi, f'dik tas-sena li għaddiet huma rebħu x-Shield b'total ta' 76 punt, bi 28 punt vantaġġ, fuq Bormla li kisbu 48 punt.

Għaldaqstant din id-darba mhux se jonqsu l-emozzjonijiet li mistennija jerġgħu jissoktaw nhar is-Sibt, 8 ta' Settembru, li ġej, hekk kif fil-Port il-Kbir se tiġi organizzata edizzjoni oħra tar-Regatta Nazzjonali mill-Kunsill Malti għall-iSport b'kollaborazzjoni mal-Għaqda Regatta Nazzjonali. It-tbassir għal din is-sena huwa simili għal dak li kien hemm sena ilu bl-avversarji kollha jikkunsidraw lill-Isla bħala l-akbar sfidanti biex jirbħu din ix-Shield għat-23 darba fl-istorja glorjuża tagħhom.



L-esperjenza u t-talent li hemm fost il-qaddiefa tal-Isla tagħmel lil dan il-klabb minn fost l-aktar b'saħħtu. F'dawn l-aħħar snin, il-kumitat tal-Isla ħadem biex isaħħaħ lit-tim u llum dan ix-xogħol qed jagħti l-frott mixtieq.

L-akbar avversarji diretti għall-Isla jerġgħu jkunu Bormla li, bħal kull sena, qed jaspiraw li jirbħu x-Shield għall-ispejjeż tal-girien. Kalkara u l-Marsa mistennija jerġgħu jagħtu sfida u għalkemm forsi ma jaslux sabiex jirbħu x-Shield, madankollu żgur li se jkunu qed jagħmlu minn kollox biex ikunu lejn in-naħa ta' fuq tal-klassifika.

Fuq kollox, il-wirjiet u r-riżultati tagħhom jistgħu jiddeterminaw fejn tmur ix-Shield ta' din is-sena. Klabb ieħor li wkoll għandu storja sabiħa fir-Regatta huwa dak tal-Birgu. Dan il-klabb qed jaħdem sabiex fil-futur qrib ikun bena tim kompetittiv għar-rebħ tax-Shield. Għaldaqstant din l-edizzjoni mistennija tkun sena oħra ta' prova għall-qaddiefa tagħhom.

Wieħed ma jridx jinsa lil Birżebbuġa u lil Marsamxett li wkoll jipparteċipaw fir-Regatta Nazzjonali u għandhom kumitat ħabrieki li kontinwament jaħdem biex il-klabb iġib l-aqwa riżultati possibbli. Għal darb'oħra l-għan ta' dawn iż-żewġ klabbs jerġa' jkun li jagħtu sfida denja għar-rebħ tax-Shield fil-Kategorija B u għalhekk mhuwiex sigriet li dawn iż-żewġ klabbs se jkunu qed jagħfsu l-aktar fuq din il-kategorija.

B'kollox se jsiru 10 tiġrijiet li se jkunu maqsuma f'żewġ kategoriji, A u B. Din is-sena, il-korsa se tkun iqsar mit-tliet edizzjonijiet preċedenti. Infatti se tinqadef fuq 1,030 metru. Oriġinarjament, id-distanza kienet dik ta' 1,040 metru għalkemm ġieli saret fuq distanza ta' 1,080 wkoll.

Il-Kunsill Malti għall-iSport jinsab f'taħditiet mal-*George Cross Anniversary Committee* biex issir tiġrija żejda biex titfakkar din l-okkażjoni. Għaldaqstant teżisti possibbiltà kbira li jsiru 11-il tiġrija. Jekk dan iseħħ, din tkun komposta mill-kajjikki bil-parteċipanti jkunu qaddiefa veterani tal-edizzjonijiet passati.




# Drift Allstars European Series se jsiru f'Malta matul ix-xahar id-dieħel

Bil-kollaborazzjoni ta' FM Promotions, matul ix-xahar id-dieħel se jsiru l-finali tad-Drift Allstars European Series. Dan tħabbar waqt konferenza tal-aħbarijiet li għaliha attenda s-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport, Clyde Puli.

Id-direttur maniġerjali tad-Drift Allstars, Niall Gunn, esprima s-sodisfazzjon tiegħu għal dan l-avveniment li se jsir bejn il-15 u s-16 ta' Settembru, li ġej, f'Pembroke. Dan se jkun il-vetrina biex kull sewwieq juri l-potenzjal tiegħu fit-tentattiv li jsir champion Ewropew.

L-ispettaturi se jkollhom xalata ta' veloċità fejn FM Promotions aċċertaw li dan l-avveniment se jkun organizzat fuq bażi professjonali u li se jkun l-akbar wieħed li qatt ġie organizzat f'pajjiżna fil-Motor Sport.

Min-naħa tiegħu, Adiran Figallo, rappreżentant ta' FM Promotions qal li ilhom jaħdmu fuq dan l-avveniment għal diversi xhur biex ikunu jistgħu jġibu fostna l-aqwa sewwieqa minn madwar l-Ewropa, fosthom mill-Italja u Sqallija.



Huwa saħaq li din l-attività għandha tgħin it-turiżmu sportiv fejn Malta għandha tkun id-destinazzjoni għal dan l-isport, bl-ospitalità tagħna, bil-klima sabiħa u fuq kollox bil-postiijiet ta' interess.

Bla dubju, it-tim Malti tad-Drifting, Team Maximum Lock, qed jiġbed attrazzjoni kbira bil wirjiet spettakolari tiegħu. SPORTIV għamel kuntatt ma' wieħed mis-sewwieqa, Christian Bezzina, biex jagħti l-kummenti tiegħu dwar l-esperjenza tiegħu barra minn xtutna:

"Jiena nifforma parti mit-Team Maximum Lock li huwa fformat minn tliet sewwieqa u tliet karozzi kif ukoll żewġ managers. Iż-żewġ sewwieqa l-oħrajn huma Clint Abela u Mark Galea filwaqt li l-managers u x-show coordinators huma Adrian Figallo u George Muscat.

"Hija esperjenza unika li wieħed isuq u jagħti wirjiet barra minn pajjiżna. S'issa soqna l-Ingilterra biss iżda ninsabu f'negozjati biex insuqu wkoll f'pajjiżi oħrajn madwar l-Ewropa.

"B'sodisfazzjon kbir ngħid li tajna '1 fuq minn 50 wirja fl-Ingilterra, f'Wembley kif ukoll f'Northampton, b'din il-belt hija tant famuża għat-trakka tal-kwart ta' mil. Il-prestazzjonijiet tagħna ntlaqgħu tajjeb ħafna, tant, li erġajna ġejna mistiedna għal diversi drabi oħra.

"Intlaqajna tajjeb ħafna minn kulħadd, l-aktar mill-Motors TV, fejn il-preżentattriċi famuża, Gemma Scott, talbitna biex tagħmel feature fuq it-tim tagħna. Kien feature mill-aktar professjonali hekk kif il-cameramen telgħu wkoll passiġġieri magħna bl-onboard cameras. Barra minn hekk, ġew ukoll żewġ stazzjonijiet televiżi biex isegwu l-wirjiet tagħna u ninsabu wkoll fuq rivisti sportivi madwar l-Ewropa.

"Huwa ta' unur kbir għalina li soqna mal-aqwa sewwieqa tad-dinja. Kull kategorija tkun magħżula bl-aqwa sewwieqa biex il-livell u l-aspettattivi jkunu għoljin. Barra minn hekk il-kundizzjonijiet tat-temp jilagħbu parti kbira waqt dawn il-wirjiet u għaldaqstant kull sewwieq irid ikun fl-aqwa kundizzjoni tiegħu.

"Barra minn hekk, aħna t-tliet sewwieqa u ż-żewġ managers tagħna nservu fil-kumitat tal-MDA, li hija Assocjazzjoni li tagħti kontribut kbir lil dan l-isport. Aħna nagħmlu t-taħriġ tagħna fit-trakka li saret, b'mod temporanju, fil-post tal-MDRA.

"Min-naħa tal-Kunsill Malti għall-iSport twaqqaf fond biex jgħin lill-kompetituri li jixtiequ jmorru barra minn Malta. Dan il-bidu jawgura tajjeb biex fil-futur, l-istess kompetituri jkunu ssussidjati mill-Gvern.

"Dan huwa sport li jinvolvi ħafna spejjeż u għaldaqstant wieħed għandu japprezza din l-għajnuna finanzjarja min-naħa tal-Gvern," temm jgħid Christian Bezzina.









# Low back pain in athletes

by Dr. Kirill Micallef Stafrace

Sports and Exercise Medicine Consultant and Senior Lecturer in Sports Science

Low back pain (LBP) is a common condition with a lifetime incidence in the general population reported in some studies to be as high as 80% -90%. 1o compound matters the prevalence of chronic LBP appears to be increasing too. The frequency of LBP in physically active or athletic populations is not well defined; however, it is estimated that 10% to 15% of athletic injuries occur to the low back. What is even more worrying for us sport medicine practitioners is that the precise source of pain in an individual patient is often not fully known since multiple structures including the intervertebral discs, facet joints, sacroiliac joints, spinal nerves, and trunk muscles may contribute to LBP. Also physical examination tests identifying the biomechanical or structural cause of LBP are often unreliable and misleading unless undertaken by an experienced clinician.

Back pain is also a common complaint in childhood and adolescence, especially mid back pain LBP and research has shown that this is a risk factor for back pain in adulthood. In this age group vulnerability for back pain appears to be greater during the growth spurt and back problems among girls have been shown to be more common during puberty. This is why it is generally believed that children and adolescents should not practice heavy weight lifting before the end of puberty. Other risk factors described for developing back pain are sports involving hyperextension activities such as gymnastics and diving, the number of hours spent training, back injuries, rapid growth, and tension of the hamstring and quadriceps muscles . Some sports take into account the age of the athlete, for example in track and field while other sports are less easily adapted to children's vulnerability.

The sporting population, in particular, is at high risk of injury either through one specific overload or traumatic episode, such as landing poorly from a jump, or as a result of recurrent loading of discs and joints such as experienced by running. Utilising inappropriate footwear, running on hard surfaces, poor flexibility of supporting musculature and other soft tissue structures can result in overloading vulnerable spinal structures and thereby exposing athletes to significant risk of injury



Musculoskeletal screening is therefore imperative in helping to identify biomechanical anomalies that can lead to asymmetrical weight bearing in athletes and increased risk of LBP. Leg length discrepancies, knocked knee posture (genu valgum), bow legged posture (genu varus), hip joint stiffness or pathology and scoliosis are also risk factors in developing back pain (amongst other possible overuse conditions ).

Athletes will experience the same type of spinal injuries and conditions as the general non-sporting population but have an increased risk of developing particular spinal conditions and these will be discussed over the forthcoming months.

Dr. Micallef Stafrace is a sports medicine consultant physician and senior lecturer in sport science.

# Ġimagħtejn ta' kompetizzjonijiet, emozzjonijiet u... spettaklu







Bejn is-27 ta' Lulju u t-12 ta' Awwissu, l-attenzjoni tad-dinja sportiva kienet immirata lejn Londra fejn saret it-30 edizzjoni tal-Olimpjadi.

Kienu ġimagħtejn ta' kompetizzjonijiet, emozzjoni u fuq kollox ta' spettaklu li permezz tagħhom għaqqdu l-kontinenti kollha flimkien biex irrenja l-ispirtu sportiv.

Bla dubju, dawn l-Olimpjadi jibqgħu miftakra minn bosta atleti li kellhom suċċess kbir iżda, bla dubju, dawn se jibqgħu jissemmew għall-għawwiem Amerikan, Michael Phelps, u għaż-żweġ atleti, il-Ġamajkan Usain Bolt u l-Britanniku Mo Farah. Dawn it-tlieta daħlu fl-istorja tal-leġġendi tal-Olimpjadi.

Wara bidu xi ftit inċert, Phelps sellem il-karriera tiegħu bir-rebħ ta' 22 midalja li 18 minnhom kienu tad-deheb wara li ħa sehem fi tliet edizzjonijiet tal-Olimpjadi, inklużi dawk ta' Ateni (2004) u ta' Beijing (2008).

Il-Ġamajkan, Bolt, baqa' r-re tal-atletika wara li rrepeta s-suċċess personali li kien rebaħ f'Beijing fid-dixxiplini tal-100m u tal-200m.

Il-Britanniku Mo Farah rebaħ it-tellieqa tal-5,000m u l-10,000m biex ikkonferma l-potenzjal tiegħu fit-tlielaq fit-tul.

Għaldaqstant huwa daħal fl istorja tal-Olimpjadi biex sar is-sitt atleta li rebaħ iż-żewġ kategoriji.

Il-ħamsa l-oħra kienu, Emil Zatopek taċ-Ċekoslovakkja (1952), Vladimir Kuts tal-Unjoni Sovjetika (1956), Lasse Viren tal-Finlandja (1972 u 1976), Miruts Yifter tal-Etijopja (1980) u Kenenisa Bekele tal-Etijopja (2008).

L-Olimpjadi ġew fi tmiemhom b'ċerimonja spettakolari u b'koreografija eċċezzjonali fejn spikkaw il-kuluri u l-mużika kontinwa li saħħru lil dawk kollha preżenti fl-Olympic Stadium kif ukoll il-miljuni ta' telespettaturi madwar id-dinja.

Sar ukoll il-bdil tal-bandiera Olimpika, b'mod uffiċjali, fejn ingħatat lis-Sindku tal-belt Rio de Janeiro, Eduardo Paes, hekk kif l-Olimpjadi li jmiss, jiġifieri erba' snin oħra, se jsiru fil-Brażil.

Iċ-ċerimonja tal-għeluq damet sejra għal madwar tliet sigħat fejn ħadu



wkoll sehem kantanti Ingliżi ta' fama mondjali fosthom, Spice Girls, Annie Lennox, George Michel, Elbow u oħrajn.

Fid-diskors tal-għeluq, il-president tal-Kumitat Olimpiku Internazzjonali, Jacques Rogge, qal li din it-30 edizzjoni tal-Olimpjadi setgħet tkun suċċess minħabba l-għajnuna ta' eluf ta' voluntiera li għaldaqstant jistgħu jissejħu eroj daqs kull atleta li ħa sehem f'din l-akbar manifestazzjoni mondjali.

Min-naħa tiegħu, id-direttur ta' dawn l-Olimpjadi, Sir Sebastian Coe, esprima s-sodisfazzjon tiegħu li l-Gran Britannja laqgħet is-sejħa biex torganizza dawn l-Olimpjadi u li fuq kollox kienu suċċess kbir.

## Lista tal-midalji

| | D | F | B | T |
|---|---|---|---|---|
| Stati Uniti | 46 | 29 | 29 | 104 |
| Ċina | 38 | 27 | 22 | 87 |
| G. Britannja | 29 | 17 | 19 | 65 |
| Russja | 24 | 25 | 33 | 82 |
| Korea | 13 | 8 | 7 | 28 |
| Ġermanja | 11 | 19 | 14 | 44 |
| Franza | 11 | 11 | 12 | 34 |
| Italja | 8 | 9 | 11 | 28 |
| Ungerija | 8 | 4 | 5 | 17 |
| Awstralja | 7 | 16 | 12 | 35 |
| Ġappun | 7 | 14 | 17 | 38 |
| Kazakhstan | 7 | 1 | 5 | 13 |
| Olanda | 6 | 6 | 8 | 20 |
| Ukrajna | 6 | 5 | 9 | 20 |
| Kuba | 5 | 3 | 6 | 14 |
| New Zealand | 5 | 3 | 5 | 13 |
| Iran | 4 | 5 | 3 | 12 |
| Ġamajka | 4 | 4 | 4 | 12 |
| Rep. Ċeka | 4 | 3 | 3 | 10 |
| Korea ta' Fuq | 4 | 0 | 2 | 6 |
| Spanja | 3 | 10 | 4 | 17 |
| Brażil | 3 | 5 | 9 | 17 |
| Belarus | 3 | 5 | 5 | 13 |
| Afrika t'Isfel | 3 | 2 | 1 | 6 |
| Etijopja | 3 | 1 | 3 | 7 |
| Kroazja | 3 | 1 | 2 | 6 |
| Rumanija | 2 | 5 | 2 | 9 |
| Kenja | 2 | 4 | 5 | 11 |
| Danimarka | 2 | 4 | 3 | 9 |
| Polonja | 2 | 2 | 6 | 10 |
| Azerbaijan | 2 | 2 | 6 | 10 |
| Turkija | 2 | 2 | 1 | 5 |
| Svizzera | 2 | 2 | 0 | 4 |
| Litwanja | 2 | 1 | 2 | 5 |
| Norveġja | 2 | 1 | 1 | 4 |
| Kanada | 1 | 5 | 12 | 18 |
| Svezja | 1 | 4 | 3 | 8 |
| Kolumbja | 1 | 3 | 4 | 8 |
| Georgia | 1 | 3 | 3 | 7 |
| Messiku | 1 | 3 | 3 | 7 |
| Irlanda | 1 | 1 | 3 | 5 |
| Slovenja | 1 | 1 | 2 | 4 |
| Serbja | 1 | 1 | 2 | 4 |
| Arġentina | 1 | 1 | 2 | 4 |
| Tuneżija | 1 | 1 | 1 | 3 |
| Dominica | 1 | 1 | 0 | 2 |
| Trinidad | 1 | 0 | 3 | 4 |
| Uzbekistan | 1 | 0 | 3 | 4 |
| Latvja | 1 | 0 | 1 | 2 |
| Alġerija | 1 | 0 | 0 | 1 |
| Bahamas | 1 | 0 | 0 | 1 |
| Uganda | 1 | 0 | 0 | 1 |
| Venezwela | 1 | 0 | 0 | 1 |
| Grenada | 1 | 0 | 0 | 1 |
| Indja | 0 | 2 | 4 | 6 |
| Mongolja | 0 | 2 | 3 | 5 |
| Tajlandja | 0 | 2 | 1 | 3 |
| Eġittu | 0 | 2 | 0 | 2 |
| Slovakkja | 0 | 1 | 3 | 4 |
| Armenja | 0 | 1 | 2 | 3 |
| Belġju | 0 | 1 | 2 | 3 |
| Finlandja | 0 | 1 | 2 | 3 |
| Taipei | 0 | 1 | 1 | 2 |
| Estonja | 0 | 1 | 1 | 2 |
| Malasja | 0 | 1 | 1 | 2 |
| Bulgarija | 0 | 1 | 1 | 2 |
| Puerto Rico | 0 | 1 | 1 | 2 |
| Indoneżja | 0 | 1 | 1 | 2 |
| Portugall | 0 | 1 | 0 | 1 |
| Montenegro | 0 | 1 | 0 | 1 |
| Botswana | 0 | 1 | 0 | 1 |
| Ċipru | 0 | 1 | 0 | 1 |
| Gwatemala | 0 | 1 | 0 | 1 |
| Gabon | 0 | 1 | 0 | 1 |
| Moldova | 0 | 0 | 2 | 2 |
| Qatar | 0 | 0 | 2 | 2 |
| Singapore | 0 | 0 | 2 | 2 |
| Greċja | 0 | 0 | 2 | 2 |
| Marokk | 0 | 0 | 1 | 1 |
| Saudi Arabia | 0 | 0 | 1 | 1 |
| Kuwajt | 0 | 0 | 1 | 1 |
| Bahrain | 0 | 0 | 1 | 1 |
| Afghanistan | 0 | 0 | 1 | 1 |
| Tajikistan | 0 | 0 | 1 | 1 |
| Hong Kong | 0 | 0 | 1 | 1 |


BOLT






RUSSIA










london










London 2012
BOLT





# Il-prestazzjonijiet tal-ħames atleti Maltin fl-Olimpjadi



### Diane Borg (Atletika)

Diane Borg, sfat eliminata fl-ewwel rawnd tal-heats tal-100 metru meta spiċċat fl-aħħar post mill-heat numru tnejn.

Fil-heat tagħha kellha avversarji diffiċli bir-rebbieħa tkun l-Amerikana Jeter Carmelita li rreġistrat ħin ta' 10.83 sekondi, segwita minn Olga Bludova (Kazakhstan), Sheniqua Ferguson (Bahamas), Olga Belkina (Russja), Anyia Onoura (Gran Britannja), Marta Jeschke (Polonja) u Yuliya Balykina (Belarus).

Borg tejbet il-ħin mit-tellieqa ta' filgħodu meta rreġistrat 11.92 sekondi iżda ma rnexxilhiex tikser ir-rekord tagħha stess ta' 11.89 sekondi.

Hija kkwalifikat mill-preliminari meta fil-heat numru 2 ta' kwalifikazzjoni kisbet ħin ta' 12.00 sekondi.

Din il-heat intrebħet mill-atleta mill-Kamerun, Delphine Atanga li għamlet ħin ta' 11.71 sekondi, segwita minn Kaina Martinez (Belize) li rreġistrat ħin ta' 11.81 sekondi.

### Rachid Chouhal (Atletika)

L-isprinter Malti, Rachid Chouhal, safa eliminat mill-heats preliminari tal-100 metru. Dan l-atleta ta' 37 sena ħa sehem fir-raba' heat fejn spiċċa fir-raba' post, b'ħin ta' 10.83 sekondi biex irreġistra wkoll l-aħjar ħin tal-istaġun. Sfortunatament, dan il-ħin kien ifisser li Chouhal kien 0.03 ta' sekondi mill-kwalifikazzjoni.

Din it-tellieqa ntrebħet minn Gerard Kobeane (Burkina Faso) li rreġistra ħin ta' 10.42 sekondi, segwit minn Fabrice Coiffic (Mauritius) u Carl Williams (St. Vincent and The Grenadines). Chouhal daħal qabel Tilak Ram Tharu (Nepal), Massoud Azizi (Afghanistan), Nooa Takooa (Kiribati) u Patrick Tuara (Cook Islands).

Chouhal spiċċa fit-12-il post minn 29 atleta biex il-wirja tiegħu tista' titqies bħala waħda sodisfaċenti.

Ir-rekord mondjali ta' din id-dixxiplina huwa dak ta' 9.58 sekondi miksub minn Usain Bolt tal-Ġamajka, nhar is-16 ta' Awwissu, 2009, f'Berlin, il-Ġermanja. L-istess Bolt, igawdi wkoll ir-rekord Olimpiku – dak ta' 9.59 sekondi, miksub fis-16 ta' Awwissu, 2008, f'Beijing, fiċ-Ċina.





### Nikki Muscat (Għawm)

L-għawwiema Nikki Muscat ma rnexxilhiex tikkwalifika għas-semi-finali fil-50m freestyle meta fil-heat numru ħamsa hija spiċċat fir-raba' post, f'ħin ta' 27.22 sekondi.

Din il-heat intrebħet minn Ruta Meilutyte tal-Litwanja, f'ħin ta' 25.55 sekondi, segwita minn Gabriela Nikitina (Latvja) u Chinyere Pigot (Surinam)

Muscat ma rnexxilhiex ittejjeb ir-rekord nazzjonali ta' 26.87 sekondi. Iżda hija rreġistrat l-aħjar ħin tagħha ta' din is-sena, proprju f'din it-tellieqa, ta' 27.22 sekondi - terz ta' sekonda biss 'il bogħod mir-rekord nazzjonali.

Fit-tellieqa hija spiċċat qabel Jessica Teixeira Vieira (Mozambique), Talita Baqlah (Ġordan), Faye Sultan (Kuwait) u Jamila Lunkuse (Uganda).

B'kollox kien hemm 10 heats li fihom ikkompetew 73 għawwiema biex Muscat spiċċat fit-43 post overall, liema post huwa wieħed sodisfaċenti meta wieħed iqis li għal sena sħiħ bdet titħarreġ għall-kompetizzjoni tal-100m freestyle u kien matul l-aħħar xahar li ġiet innotifikata li kienet se ttellaq fil-50m freestyle.

### Andrew Chetcuti (Għawm)

L-għawwiem, Andrew Chetcuti, ma rnexxielux jikkwalifika għas-semi-finali tal-100m freestyle meta fit-tielet heat huwa spiċċa fit-tielet post, b'ħin ta 51.67 sekondi, wara l-Albaniż Sidni Hoxha (51.11 sek) u Kevin Avila Soto tal-Honduras (51.44).

Iżda b'wirja meqjusa bħala waħda sodisfaċenti, Chetcuti kiser ir-rekord nazzjonali, dak ta' 51.85 sekondi, li kien irreġistra huwa stess.

Chetcuti tellaq kontra seba' għawwiema oħra b'dawk ta' warajh ikunu Jemal Le Grand (Aruba), Andrew Rutherfurd (Bolivja), Mohammad Bidaryan (Iran), Christopher Duenas (Gambja) u Mikayel Koloyan (Armenja).

B'hekk Chetcuti ġie kklassifikat fid-39 post minn 56 parteċipant, bl-ewwel 16 ikkwalifikaw għas-semi-finali. L-aħjar ħin f'dawn il-heats inkiseb mill-Amerikan, Nathan Adrian, li kien 48.19 sekondi filwaqt li l-għawwiem minn Burundi, Bertrand Beni Binobagira, spiċċa fl-aħħar post meta rreġistra ħin ta' minuta u 4.57 sekondi.



**William Chetcuti**

It-tamiet tal-isportivi Maltin u Għawdxin li pajjiżna jirnexxielu jirbaħ midalja fl-Olimpjadi sfumaw fix-xejn hekk kif it-tiratur William Chetcuti, kellu jikkuntenta bid-disa' post fil-kompetizzjoni tad-Double Trap.

Huwa ma tantx kellu bidu tajjeb, fl-ewwel rawnd, meta laqat 43 plattin minn massimu ta' 50 biex temm l-ewwel fażi fl-14-i post. Fit-tieni rawnd huwa rnexxielu jolqot 47 plattin biex temporanjament tela' jokkupa t-tmien post tal-klassifika ġenerali. Fit-tielet rawnd huwa laqat 45 plattin biex it-total personali kien dak ta' 135 (minn 150 plattin) - tnejn inqas mill-Isvediż Hakan Dahlby u l-Ungeriż Richard Bognar, li spiċċaw fil-ħames u s-sitt post rispettivament u għaldaqstant Chetcuti ma daħalx fil-barrage finali.

Din id-dixxiplina ntrebħet mill-Britanniku, Peter Robert Russell Wilson, li laqat 188 plattin filwaqt li l-midalja tal-fidda inkisbet mill-Isvediż Hakan Dahlby (186) segwit mir-Russu Vasily Mosin (185).







# Serie A, Barclays Premier League u UEFA Champions League fuq GO sports

## Mal-ftuħ tal-istaġun il-ġdid f'Awissu 2012

**GO – il-fornitur ewlieni ta' komunikazzjoni *quad-play* u divertiment f'Malta – tikkonferma li Serie A, Barclays Premier League u UEFA Champions League ser jintwerew fuq GO sports minn Awissu 2012. Għal perjodu ta' żmien limitat, partitarji akkaniti tal-futbol ser ikollhom l-opportunità li jabbonaw għall-aqwa esperjenza ta' sports b'rati li jgħoddu għall-but ta' kulħadd. GO sports Premium qed jiġi offrut għal €14.99 fix-xahar biss meta klijenti jintrabtu għal perjodu minimu ta' abbonament ta' 12-il xahar konsekuttivi.**

GO biss tipprovdi l-aqwa kampjonati tal-futbol bi drittijiet esklussivi għas-Serie A Taljan u l-UEFA Champions League sa Mejju 2015 u l-Barclays Premier League għal staġun ieħor. Bil-bidu tal-istaġun li jmiss, partitarji tal-futbol jistgħu jistennew herqana għal esperjenza tal-futbol verament eċċezzjonali mżewqa b'logħbiet mill-Barclays Premier League, is-Serie A Taljan u l-UEFA Champions League *live* u esklussivi fuq GO sports Premium.

Bħala parti mill-kampanja kontinwa tagħha biex ittejjeb l-esperjenza bħala telespettaturi għall-klijenti tat-tv tagħha, GO appgrejdjat il-faċilità tal-*playout* tagħha u ntroduċiet kemm l-istazzjon GO sports 1 HD kif ukoll total ta' 8 stazzjonijiet SD fuq GO interattiv. Dan ser jippermetti total ta' 8 *feeds* simultanji *live* fi kwalunkwe ħin, li jipprovdu għall-ħtiġijiet *live* ta' avvenimenti sportivi internazzjonali tal-ogħla livell.

U dan mhux kollox! Fuq GO sports interattiv, l-abbonati tal-HD wkoll jirċievu l-istazzjon ferm popolari PLTV HD - l-uniku stazzjon HD 24/7 prodott f'isem il-Barclays Premier League u ddedikat għall-partitarji tagħhom minn madwar id-dinja. Partitarji tal-futbol f'Malta, li huma abbonati ta' GO sports fuq tv interattiv, ikollhom l-opportunità li jgawdu permezz ta' HD l-aqwa talent ta' logħob fil-grawnd. Fuq l-istazzjon PLTV huma jistgħu jsegwu coverage live tal-Premier League famuż mad-dinja kollha s-Sibt fis-13:45pm, fl-04:00pm u s-6:30pm u l-Ħadd fis-2.30pm u fil-5.00pm.

Sadanittant, il-partitarji tal-futbol Taljan jistgħu joqogħdu komdi f'darhom quddiem it-televiżjoni jieħdu pjaċir isegwu l-logħob tas-Serie A Taljan fuq l-istazzjon GO sports 1HD hekk kif jiftaħ l-istaġun il-ġdid tal-futbol aktar tard din is-sena.U barra futbol, fuq GO sports 1 HD, it-telespettaturi jistgħu ukoll jaraw it-tlielaq tal-Formula 1, kampjonati tat-tennis u golf bil-kwalità ta' stampa aħjar u *sound sterio*.

Issa huwa ċ-ċans li klijenti jiksbu 6 xhur ta' servizz HD b'xejn meta jabbonaw għal GO Home Pack interattiv, li bħalissa qed jiġi offrut għal €25 fix-xahar għall-ewwel 3 xhur taħt offerta speċjali li tibqa' sejra sal-31 ta' Awissu 2012. Minbarra 6 xhur ta' servizz HD b'xejn, klijenti ta' GO tv interattiv jistgħu jgawdu l-esperjenza fantastika ta' aktar minn 100 stazzjonijiet, *widgets*, logħob u karatteristiċi tat-tv bħal *restart*, *catch up*, *pause*, *rewind*, rekord barra l-benefiċċji oħra li jakkwistaw permezz tal-Home Pack Interattiv mifruxa fuq l-erba' servizzi *quad-play* ta' GO.

Klijenti ġodda tal-Home Pack jistgħu wkoll jibbenefikaw minn l-aħħar offerta ferm attraenti ta' GO sports billi japplikaw għal GO isports Premium bħala żieda fuq il-pakkett tal-Home Pack tv interattiv tagħhom. GO sports Premium jiswa biss €14.99 fix-xahar miżjuda mar-rata tal-Home Pack Silver tv interattiv (€25 fix-xahar għall-ewwel 3 u wara, €39 fix-xahar) / jew Gold tv interattiv (€ 25 kull xahar għall- ewwel 3 xhur u wara, €47 kull xahar). GO sports Premium jagħti lill-klijenti access għal varjetà kbira tal-futbol ta' klassi dinjija - u aktar – bl-aħjar offerta fuq sports li hawn fis-suq!

Għal aktar informazzjoni dwar l-offerti ta' GO sports u Home Pack, klijenti jistgħu jaslu wasla sa wieħed mill-ħwienet ta' GO jew ir-*resellers* esklussivi f'Malta u f'Għawdex. Jistgħu jċemplu b'xejn lill-*customer care* ta' GO fuq 146 mill-konnessjoni GO mobile tagħhom jew iċemplu Freephone 80072121 (servizz bla ħlas). Jistgħu wkoll iżuru s-sit: www.go.com.mt. Termini u kundizzjonijiet japplikaw fuq l-offerti msemmija hawn fuq.

Rugby

# Dehra Ġdida għal Gozo Rugby Club

**Il-Gozo Rugby Club għadu kemm ippreżenta l-kit u l-logo l-ġodda tiegħu u dan biex tingħata iktar dehra professjonali. Fl-istess waqt huma anke ppreżentaw l-isponsor il-gdid tagħhom li huwa 'Ta' Mattew Fish Farms Ltd'.**

Il-plejer-kowċ, kif ukoll il-fundatur tal-klabb, Clifford Debattista, ħabbar li l-isponsors ewlenin għal dawn it-tliet snin li ġejjin ser ikunu Ta' Mattew Fish Farms Ltd, filwaqt li l-kit il-ġdid huwa ta' kulur aħdar bl-abjad. Debattista qal li jixtieq irodd ħajr lil Raymond Bugeja, il proprjetarju ta' Ta' Mattew Fish Farms Ltd li aċċetta li jkunu ta' għajnuna għal dan il-klabb Għawdxi. Debattista qal ukoll li l-logo l-ġdid tal-klabb kien iddisinjat minn Joe Cefai ta' Cefai Formal Wear fejn dan jirrappreżenta plejer tar-Rugby fuq sfond tat-tliet għoljiet li huma marbuta ma' Għawdex. Din il-logo kien magħżul wara votazzjoni li saret fost il-membri u l-plejers tal-istess klabb.

Clifford Debattista żied jgħid li dan kollu huwa r-realtà ta' ħolma li twettqet wara ħames snin li ilu kien beda jilgħab dan l-isport li qabel ma kienx jeżisti f'Għawdex. Issa grazzi għal dan kollu, dan l-isport beda jiġi pprattikat fil-gżira tat-tliet għoljiet u issa bit-twaqqif ta' dan il-klabb, kif ukoll li kien aċċettat bħala membru affiljat fi ħdan il-Kunsill Malti għall-iSport, ikompli jħeġġu dejjem iktar biex ikompli jiżviluppa dan l-isport tar-rugby f'Għawdex.

Min-naħa ta' Raymond Bugeja, dan qal li l-fatt li għandu familjari Għawdxin, huwa xtaq li bi pjaċir irodd xi ħaġa lura lillgżira Għawdxija u meta ra l-entużjażmu qawwi li jħaddnu l-membri tal-Gozo Rugby Club ma damx wisq jaħsibha biex jaċċetta li l-Kumpanija tiegħu tagħti l-għajnuna finanzjarja tagħha.

Kelliem ieħor waqt il-konferenza tal-aħbarijiet, kien is-segretarju Eman Borg fejn dan qal li kien sar emendar fl-isem tal-klabb biex issa ser jibda jissejjaħ bħala Gozo Rugby Club (Gozo RC). Huwa qal li l-klabb ser jakkomoda kemm għar-rugby league kif ukoll għar-rugby union. Għaldaqstant Borg qal, li bil-kollaborazzjoni sħiħa mal-MRL huma deċiżi li joffru l-aħjar li jistgħu għall-plejers tar-rugby Għawdxin.

Waqt l-istess konferenza tal-ahbarijiet li għaliha attendew uħud mill-plejers tat-tim, intwera l-apprezzament għal Gozo Football Association li ta' kull nhar ta' Sibt tħalli lill-plejers jittrenjaw b'xejn fuq il-faċilitajiet tagħha tal-Gozo Stadium, kif ukoll lil Sportsmania għal ħwejjeġ li issa ser jibdew jilbsu l-plejers. Dawk kollha nteressati li jissieħbu lil dan il-klabb tar-rugby Għawdxi għandhom jagħmlu dan billi jżuru s-sit eletroniku ta' www.facebook.com/GOZORUGBYCLUB.




Gary Hili, Raymond Bugeja u Clifford Debattista

minn Joe Bajada



Aaron Mifsud rebbieħ tas-37 Edizzjoni tal-Maratona ta' Għawdex 2012

# Aaron Mifsud jirbaħ is-37 edizzjoni tan-Nofs Maratona t'Għawdex

Daniel Pace rebbieħ tal-Ewwel Għawdxi fit-13 il-mil

Is-37 edizzjoni tal-Maratona ta' Għawdex reġgħet kienet waħda ta' suċċess kemm f'dik li hi parteċipazzjoni kif ukoll fl-organizzazzjoni tad-diversi tiġrijiet li saru. Numru sabiħ ta' atleti Għawdxin u Maltin, kif ukoll uħud barranin ħadu sehem. Apparti n-nofs maratona, saru anke tlielaq tat-8 mili, tal-4Km, taż-2Km, kif ukoll l-Fun Run. Għat-tieni darba giet organizzata wkoll il-Mountain Bike Race fuq distanza ta' 13.1 mil.

In-Nofs Maratona li hi l-iktar tiġrija prestiġjuża, ġiet mirbuħa għall-ewwel darba minn Aaron Mifsud f'ħin ta' 1:15.23". It-tieni post intrebaħ minn Charlie Cilia f'ħin ta' 1:16.14". Ir-rebbieħ tal-aħħar żewġ edizzjonijiet, Drew Lang, spiċċa fit-tielet post wara taqtiegħa qalila f'ħin ta' 1:17.11". Kif jindikaw il-ħinijiet ta' dawn l-ewwel tliet atleti, kien hemm sfida qawwija bejniethom fejn t-tiġrija żvolġiet f'waħda akkanita ferm sal-aħħar. Madanakollu r-rekord tat-tiġrija baqa' f'idejn Charles Cilia li kien twaqqaf fl-2006 meta kien ġera t-tiġrija f'ħin ta' 1:11.40".

F'temp ferm ideali, din il-maratona reġgħet offriet sfida unika għax tgħaddi minn qalb il-pjanura Għawdxija u minn diversi toroq qalb il-kampanja. Din toffri diversi tlajja' u nżul u l-fatt li tgħaddi minn qalb il-pjazez ta' mill-anqas sebat irħula Għawdxin, tagħmel din il-maratona waħda eċċitanti u ta' interess partikolari.

Għat-tieni sena konsekuttiva, l-ewwel mara li spiċċat in-nofs maratona, kienet Cecilia Fenech f'ħin ta' 1:36.37' u l-ewwel Għawdxi kien Daniel Pace f'ħin ta' 1:27.24'. It-tiġrija tat-8 mili intrebħet minn Jonathan Balzan f'ħin ta' 45:11". Ir-rekord ta' din it-tiġrija jinsab f'idejn Charles Cilia li waqqaf proprju fit-2008 f'ħin ta' 43.14". Għal diversi snin ir-rekord ta' din it-tiġrija kien f'idejn Drew Lang rebbieħ ta' seba' edizzjonijiet konsekuttivi, bl-aħjar ħin tiegħu ikun ta' 44.31" li waqqaf fl-2001. Ta' min jgħid ukoll li Charles Cilia għandu r-rekord assolut taż-żewġ tiġrijiet, dawk tat-13.1 mil u tat-8 mili rispettivament li huma 1:11.40" għat-13.1 mil u 43.14" għat-8 mili.

Fit-tieni u fit-tielet post daħlu Antione Abela 47.38" u Matthew Scicluna 48.59" rispettivament. Kif jindikaw ir-riżultati, din kienet ukoll tiġrija mill-aktar akkanita bi ftit sekondi biss jifirdu t-tieni post mit-tielet post. L-ewwel Għawdxi li spiċċa kien Frankie Muscat b'54.28", segwit minn Marvic Hili b'55.56". Fil-kategorija tan-nisa ħarġet rebbieħa Roberta Schembri b'ħin ta' 56:22.00", segwita minn Gianella Bugeja b'1:00.58". L-ewwel Għawdxija f'din il-kategorija kienet Jaclyn Magrin f'ħin ta' 1.07.32"

Fit-tiġrija tal-4Km riservata għat-tfal ta' bejn 12 u 16–il sena, fil-kategorija tas-subien ħareġ rebbieħMatthew Theuma waqt li tal-bniet spiċċat fuq quddiem Shona Berger, mentri Luke Xiberras rebaħ l-U/14 u Andre Bonnici l-U/13.

Fit-tiġrija ta' 2Km riservata għat-tfal ta' etajiet żgħar spiċċaw fl-ewwel postijiet fil-kategorija tas-subien Matthew Camilleri u fis-sessjoni tal-bniet Daphne Cremona. Fit-taqsima tas-subien, Max Xerri rebaħ l-U/11, Daniel Bajada rebaħ l-U/10 waqt li Etienne Xiberras rebaħ l-U/9. Fit-taqsima tal-bniet Francesca Farrugia rebħet l-U/11 u Gwyneth Cushieri l-U/10. Antione Attard rebaħ l-U/10 u Andrea Galea l-U/11 fit-taqsima tal-Għawdxin.

Għat-tieni sena konsekuttiva, reġgħet ġiet organizzata l-mountain bike race li kienet fuq l-istess rotta tan-nofs maratona. Ħadu sehem diversi ċiklisti Għawdxin u Maltin. Ir-rebbieħ ta' din edizzjoni kien Louis Debattista (43.57"), segwit minn Silvio Grima (47.55") u Shaun Vella (49.32"). Ir-rekord ta' din it-tiġrija għalhekk jibqa f'idejn Domenic Cutajar li kien għamilha f'ħin ta' 42.58".

Din il-maratona organizzata mill-Gozo Amateur Athletic Club (GAAC) bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali Xagħra u x-Xagħra Youth Centre kienet sponsorjata minn San Michel Mineral Water (Farsons Ltd), Rayson, Ron Hill, Nestle fitness u Mcdonalds. L-organizzaturi jixtiequ wkoll jirringrazzjaw b'mod speċjali lill-Ministeru għal Għawdex, lill-Pulizija, lil Emergency Response & Rescue corps, lil MAAA u lil mijiet ta' voluntiera żgħażagħ li kienu marshalls madwar ir-rotta u li għenu ferm fl-organizzazzjoni.

Ta' min isemmi wkoll li f'din il-maratona sar ġbir għal Puttinu Cares mill-atleti li ħadu sehem u mill-udjenza li attendiet għal din l-attivita annwali. Wieħed jista' jidħol fuq il-websites www.gozomarathon.org biex jara r-riżultati u l-ħinijiet uffiċjali.




# NEPTUNES U MARSASKALA

## fil-finali fid-diviżjonijiet rispettivi

**Wara r-rebħ tal-unuri oħrajn, kemm mill-kategorija Premier kif ukoll dik tal-Ewwel Diviżjoni, fadal it-taqtiegħa għall-aħħar u l-ogħla unur - il-Kampjonat - tad-Diviżjoni Premier u dak tal-Ewwel Diviżjoni.**

Fil-Kampjonat Premier, tliet timijiet inqatgħu fuq quddiem u kkwalifikaw għall-'Play Offs'. Dawn huma Neptunes Emirates, li għaddew awtomatikament għall-finali bl-ewwel post li kisbu, Sliema McDonalds u San Ġiljan Giuseppe's, li jridu jaraw min minnhom jidħol fil-finali meta jiltaqgħu fl-aħjar minn tliet partiti.

Fl-Ewwel Diviżjoni, Marsakala MOR€ spiċċaw fuq quddiem, aċċertati mill-isfida sal-aħħar meta daħlu fil-finali. Warajhom hemm Valletta Sterling u Otters Nivea li jilagħbu fis-semi finali, ukoll l-aħjar minn tliet partiti.

**Kampjonat BOV Premier**

**Exiles Ferretti** ....................................9
**San Giljan Giuseppe's** ........................9
(2-3, 1-1, 4-4, 2-1)
Referis: P. Balzan, P. Bensaia

**Neptunes Emirates**...............................9
**Sliema McDonalds**...............................10
(4-2, 2-1, 3-5, 0-2)
Referis: M. Dalli, P. Bensaia

**Exiles Ferretti** ....................................9
**Neptunes Emirates**..............................15
(0-4, 2-3, 2-4, 5-4)
Referis: M. Angileri, P. Bensaia

**Sirens Ritter Sport**..............................5
**Sliema McDonalds**................................7
(0-2, 2-3, 1-1, 2-1)
Referis: I. Sciriha, P. Bensaia

**Sirens Ritter Sport**..............................14
**San Giljan Giuseppe's** ........................15
(4-6, 5-4, 3-4, 2-1)
Referis: P. Balzan, F. Ricciotti

**Exiles Ferretti** ....................................5
**Sliema McDonalds**...............................13
(2-3.1-1, 1-5, 1-4)
Referis: M. Dalli, F. Ricciotti

**Sirens Ritter Sport**..............................13
**Neptunes Emirates**..............................20
(3-3, 4-7, 4-7, 2-3)
Referis: I. Sciriha, F. Ricciotti

**San Giljan Giuseppe's** ........................5
**Sliema McDonalds**................................9
(1-4, 1-3, 1-1, 2-1)
Referis: M. Angileri, F. Ricciotti

**Exiles Ferretti** ....................................7
**Sirens Ritter Sport**..............................12
(0-4, 1-4, 3-4, 3-0)
Referis: P. Balzan, D. Bianco

**Neptunes Emirates**..............................15
**San Giljan Giuseppe's** ........................11
(2-3, 3-2, 7-4, 3-2)
Referis: M. Angileri, D. Bianco

**San Giljan Giuseppe's** ........................17
**Exiles Ferretti** ....................................10
(4-2, 3-6, 3-2, 7-0)
Referis: M. Angileri, F. Brasiliano

**Sliema McDonalds**................................8
**Neptunes Emirates**...............................8
(2-3, 3-1, 2-2, 1-2)
Referis: I. Sciriha, F. Brasiliano

**Neptunes Emirates**..............................13
**Exiles Ferretti** ....................................11
(4-2, 3-4, 4-2, 2-3)
Referees: M. Angileri, D. De Meo

**Sliema McDonalds**................................8
**Sirens Ritter Sport**..............................11
(4-3, 1-4, 2-0, 1-4)
Referis: I. Sciriha, D De Meo

**Klassifika Finali – tmiem it-Tieni Fazi Premier Division (bil-punti bonus)**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Neptunes Emirates | 8 | 5 | 1 | 2 | 109 | 84 | 21 |
| Sliema McDonalds | 8 | 5 | 1 | 2 | 81 | 66 | 19 |
| San Giljan Giuseppe's | 8 | 4 | 1 | 3 | 93 | 91 | 15 |
| Sirens Ritter Sport | 8 | 3 | 1 | 4 | 89 | 96 | 11 |
| Exiles Ferretti | 8 | 0 | 2 | 6 | 73 | 108 | 2 |

**Kampjonat BOV I Diviżjoni**

**Ta' XbiexAmigos**.................................6
**M'skala MOR€** ...................................12
(1-4, 3-1, 1-5, 1-2)
Referis: R. Spiteri, I. Sciriha

**Valletta Sterling** ................................12
**Otters Nivea** .......................................13
(3-3, 2-4, 4-2, 3-4)
Referis: A. DeRaffaele, S. Licari

**M'skala MOR€** ...................................11
**Valletta Sterling** ................................13
(3-3, 1-1, 2-5, 5-4)
Referis: P. Giordano, P. Bensaia

**Ta' XbiexAmigos**.................................12
**Otters Nivea** .......................................15
(5-2, 3-6, 0-5, 4-2)
Referis: M. Angileri, S. Licari




**Valletta Sterling** ................................18
**Ta' XbiexAmigos** ................................9
(5-1, 6-4, 3-2, 4-2)
Referis: A. DeRaffaele, M. Angileri

**Otters Nivea** ................................10
**M'skala MOR€** ................................13
(3-2, 3-1, 2-5, 2-5)
Referis: R. Spiteri, I. Sciriha

**M'skalaMOR€** ................................17
**Ta' Xbiex Amigos** ................................14
(5-3, 3-3, 4-2, 5-6)
Referis: P. Balzan, R. Spiteri

**Otters Nivea** ................................9
**Valletta Sterling** ................................11
(4-3, 0-5, 1-1, 4-2)
Referis: I. Sciriha, A. DeRaffaele

**Otters Nivea** ................................10
**Ta' Xbiex Amigos** ................................11
(2-2, 3-3, 3-5, 2-1)
Referis: P. Balzan, S. Licari

**Valletta Sterling** ................................8
**M'skala MOR€** ................................16
(0-1, 3-3, 2-7, 3-5)
Referis: P. Giordano, R. Spiteri

**M'skala MOR€** ................................17
**Otters Nivea** ................................20
(3-4, 4-8, 5-3, 5-5)
Referees: R. Spiteri, M. Dalli

**Ta' XbiexAmigos** ................................13
**Valletta Sterling** ................................15
(4-1, 4-4, 2-5, 3-5)
Referees: M. Angileri, P. Giordano

Kif Spiċċaw

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| M'skala MOR€ | 9 | 7 | 0 | 2 | 133 | 100 | 26 |
| Valletta Sterling | 9 | 6 | 0 | 3 | 124 | 116 | 20 |
| Otters Nivea | 9 | 3 | 0 | 6 | 110 | 119 | 12 |
| Ta' Xbiex Amigos | 9 | 2 | 0 | 7 | 100 | 132 | 4 |

# Aktar impenji internazzjonali għal referee lokali


*Bernard Vassallo*



**Ir-referee internazzjonali lokali tal-basketball, Bernard Vassallo, irċieva aktar nominazzjonijiet importanti mill-FIBA wara li aktar kmieni dan is-sajf diġà kkontrolla żewġ partiti ta' kwalifikazzjoni tal-EuroBasket 2013, eżattament Spanja kontra Ġermanja u Portugall kontra Iżrael. Ta' min isemmi wkoll li fl-istaġun li għadda, Vassallo kkontrolla total ta' tmien partiti internazzjonali fit-tazzi Ewropej, fosthom seba' partiti mill-FIBA EuroLeague.**

L-impenji li jmiss għal Vassallo huma żewġ full internationals maskili oħrajn, logħob ta' kwalifikazzjoni għal EuroBasket 2013.

Fil-fatt, Vassallo huwa nnominat sabiex nhar il-Ħamis, 30 ta' Awwissu, huwa jikkontrolla l-partita minn Grupp E maskili, Svizzera kontra Albanija li se tintlagħab fl-Arena Saint Leonard, fi Fribourg.

L-Isvizzeri qed jibbażaw ħafna fuq il-possibilità li jkollhom lil Thabo Sefolosha, li jilgħab fl-NBA ma' Oklahoma City, disponibbli fit-tentattiv tagħhom li jikkwalifikaw mill-grupp li fih hemm ukoll il-Finlandja, Polonja u Belġju.

L-uffiċjali l-oħra għal din il-partita, minbarra Vassallo, se jkunu Paolo Taurino (Italja) u Vaclav Lukes (Rep. Ċeka).

Id-destinazzjoni li jmiss għal Vassallo se tkun Nicosia peress li huwa ġie nnominat ukoll biex nhar it-Tlieta, 11 ta' Settembru, huwa jikkontrolla l-partita ta' kwalifikazzjoni minn Grupp C tal-EuroBasket 2013 bejn Ċipru u l-Ungerija.

Dawn iż-żewġ pajjiżi qed jiffaċċjaw lill-Kroazja, Ukrajna u l-Awstrija f'dan il-grupp bl-Ungeriżi, immexxija miż-żagħżugħ ġgant ta' 217cm segwit minn Los Angeles Lakers, Greg Somogyi, kif ukoll minn Peter Lorant ta' Virtus Roma, jippuntaw għal kwalifikazzjoni finali għalkemm Ċipru, bin-naturalizzati Amerikani Anthony King u Chris Razis, li jilagħbu fil-Ġermanja ma' Artland Dragons u Oldenburg rispettivament, qegħdin dejjem jogħlew 'il fuq fir-rankings Ewropej.

L-uffiċjali l-oħra għal din il-partita ġewwa l-Portugall, minbarra Vassallo, se jkunu Daniel Hierrezuelo (Spanja) u Christomos Schinas (Greċja).




*Il-plejers Maltin, Roberta Cutajar, Brian Cini, Leon Caruana u Chris Peplow*

### Kampjonat tas-snooker U/18 - Gloucester, Ingilterra

# Brian Cini megħlub fil-k/finali mill-Irlandiż Josh Boileau

Brian Cini kiseb suċċess kbir meta fil-Kampjonat Ewropew ta' Taħt it-18-il sena li sar fi Gloucester, l-Ingilterra, fejn ħadu sehem 72 plejer minn 10 pajjiżi, huwa irnexxielu jasal sal-kwarti-finali fejn tilef 4-2 kontra Josh Boileau tal-Irlanda.

Fir-rawnd tal-Aħħar 16, Cini għeleb lill-Ingliż Sean Hopkin 3-0 filwaqt li fir-rawnd tal-Aħħar 32 huwa elimina plejer Ingliż ieħor, Jay Bullen, 3-1. Fil-Fażi tal-Gruppi, huwa rebaħ il-ħames logħbiet kollha biex spiċċa fl-ewwel post. B'kollox, Cini rebaħ 23 frames u tilef tmienja.

Chris Peplow kien żvinturat li spiċċa fit-33 post u għalhekk ma kkwalifikax biex jilgħab fil-fażi finali. Fil-grupp tiegħu, huwa rebaħ tliet logħbiet biex spiċċa fit-tielet post. Waħda mir-rebħiet waslet kontra Harvey Chandler 3-1. Chandler għamel l-ogħla break tat-tournament, dak ta' 130 punt. Peplow rebaħ disa' frames u tilef tmienja. Min-naħa tiegħu, Leon Caruana rebaħ żewġ logħbiet u tilef tlieta biex spiċċa fir-raba' post fil-grupp tiegħu. Huwa rebaħ sitt frames u tilef 10.

Shane Castle rebaħ it-titlu meta fil-final għeleb lil plejer Ingliż ieħor, Elliot Slessor 5-2. Castle ingħata premju ta' £1,000 filwaqt li Brian Cini ingħata premju ta' £125.

Din kienet inizjattiva oħra minn Pro-Am Snooker fejn, jien bħala Direttur, akkumpanjajt lill-plejers. Ta' min isemmi wkoll li Alex Borg (segretarju tal-MBSA) kien kordjali ħafna. Mal-wasla tagħna fis-*South*





*Shaun Castle (fuq) - iċ-champion Ewropew ta' taħt it-18-il sena u Brian Cini (lemin) flimkien mal-Irlandiż Josh Boileau qabel il-kwarti-finali*

*West Snooker Academy* ġejna milqugħin minn Janie Watkins li organizzat dan it-tournament u aktar tard miċ-chairman tal-EBSA, James Lacey, u mis-segretarju tar-Referees Association Steve Starkie.

minn Vincent Pisani





*Roberta Cutajar ma' Reanne Evans qabel il-final*

### Kampjonat tas-snooker tan-Nisa - Gloucester, Ingilterra

# Roberta Cutajar megħluba fil-final minn Reanne Evans

Roberta Cutajar kisbet l-akbar suċċess fil-karriera tagħha meta rnexxielha tasal sal-Final tal-European Ladies Snooker Open, li sar fi Gloucester, l-Ingilterra.

Fil-Fażi tal-Gruppi, Cutajar rebħet erba' logħbiet u tilfet tnejn biex spiċċat taqsam it-tieni post ma' Hanna Jones. Cutajar kellha żewġ rebħiet facli ta' 3-0 kontra l-Ingliżi, Gaye Jones u Jenny Paulter, filwaqt li rebħet tnejn oħra bl-iskor ta' 2-1 kontra r-Russa Irena Gorbataja u l-Ingliża Chris Sharpe. Hija tilfet 1-2 kontra Hanna Jones u 0-3 kontra Reanne Evans.

Fis-semi-finali, Roberta Cutajar għelbet lil Hanna Jones 3-2 wara li kienet żewġ frames minn taħt, filwaqt li fil-final, Cutajar ġiet megħluba 3-0 mill-plejer professjonali Reanne Evans li ħadet premju ta' £200. Roberta ingħatat premju ta' £100.

## Jinħatar kumitat ġdid tal-Malta Pool Association

Fil-Laqgħa Ġenerali Annwali, il-membri tal-Malta Pool Association eleġġew kumitat ġdid għas-sentejn li ġejjin. Il-kumitat elett huwa kompost minn Carmel Cilia (President), Savior Mifsud (Viċi-President), Vincent Degiorgio (Segretarju), Warren Attard (Teżorier), Pasquale Sciberras u Joe Chetcuti (Membri).

Affiljazzjonijiet mal-Assoċjazzjoni nfetħu fis-16 ta' Awissu, li għadda. Il-klabbs il-ġodda jistgħu jagħmlu kuntatt ma' Vincent Degiorgio fuq 79499117 għal aktar informazzjoni.

Matul dan l-istaġun l-Assoċjazzjoni se torganizza erba' ranking tournaments għall-kategoriji tal-Irġiel, U/18's, U/21's, Nisa u Over 50's kif ukoll kampjonati tat-timijiet maqsuma f'ħames diviżjonijiet - Premier, l-Ewwel, it-Tieni, it-Tielet u r-Raba' Diviżjoni u ħafna kompetizzjonijiet oħra fosthom dawk individwali.

Malta se tieħu sehem fil-Kampjonati Ewropej kif ukoll dawk Mondjali li t-tnejn li huma se jsiru fi Blackpool, l-Ingilterra.

L-Assoċjazzjoni tħabbar li Malta rebħet id-dritt li għall-ħames darba torganizza l-Kampjonati Ewropej f'pajjizna, fi-Frar, 2014.



# Rebħa li tagħti tama ġdida lil Lewis Hamilton

## Riżultati tal-GP tal-Ungerija
### 29.07.2012 - Budapest

| | |
|---|---|
| 1. Lewis Hamilton (Britannja) McLaren | 1:41:05.503 |
| 2. Kimi Raikkonen (Finlandja) Lotus | +00:01.032 |
| 3. Romain Grosjean (Franza) Lotus | 00:10.518 |
| 4. Sebastian Vettel (Ġermanja) RedBull | 00:11.614 |
| 5. Fernando Alonso (Spanja) Ferrari | 00:26.653 |
| 6. Jenson Button (Britannja) McLaren | 00:30.243 |
| 7. Bruno Senna (Brażil) Williams | 00:33.899 |
| 8. Mark Webber (Awstralja) RedBull | 00:34.458 |
| 9. Felipe Massa (Brażil) Ferrari | 00:38.350 |
| 10. Nico Rosberg (Ġermanja) Mercedes | 00:51.234 |
| 11. Nico Huelkenberg (Ġermanja) Force India | 00:57.283 |
| 12. Paul Di Resta (Britannja) Force India | 01:02.887 |
| 13. Pastor Maldonado (Venezwela) Williams | 01:03.606 |
| 14. Sergio Perez (Messiku) Sauber | 01:04.494 |
| 15. Daniel Ricciardo (Awstralja) Toro Rosso | 1 lap |
| 16. Jean-Eric Vergne (Franza) Toro Rosso | 1 lap |
| 17. Heikki Kovalainen (Finlandja) Caterham | 1 lap |
| 18. Kamui Kobayashi (Ġappun) Sauber | 2 laps |
| 19. Vitaly Petrov (Russja) Caterham | 2 laps |
| 20. Charles Pic (Franza) Marussia | 2 laps |
| 21. Timo Glock (Ġermanja) Marussia | 3 laps |
| 22. Pedro de la Rosa (Spanja) HRT | 3 laps |
| **Irtiraw** | |
| Narain Karthikeyan (Indja) HRT | 9 laps |
| Michael Schumacher (Ġermanja) Mercedes | 11 laps |

## Klassifika

**Sewwieqa**

| | |
|---|---|
| 1. Fernando Alonso (Spanja) Ferrari | 164 |
| 2. Mark Webber (Awstralja) Red Bull | 124 |
| 3. Sebastian Vettel (Ġermanja) Red Bull | 122 |
| 4. Lewis Hamilton (Britannja) McLaren | 117 |
| 5. Kimi Raikkonen (Finlandja) Renault | 116 |
| 6. Nico Rosberg (Ġermanja) Mercedes | 77 |
| 7. Jenson Button (Britannja) McLaren | 76 |
| 8. Romain Grosjean (Franza) Renault | 76 |
| 9. Sergio Perez (Messiku) Sauber | 47 |
| 10. Kamui Kobayashi (Ġappun) Sauber | 33 |
| 11. Pastor Maldonado (Venezwela) Williams | 29 |
| 12. Michael Schumacher (Ġermanja) Mercedes | 29 |
| 13. Paul Di Resta (Britannja) Force India | 27 |
| 14. Felipe Massa (Brażil) Ferrari | 25 |
| 15. Bruno Senna (Brażil) Williams | 24 |
| 16. Nico Huelkenberg (Ġermanja) Force India | 19 |
| 17. Jean-Eric Vergne (Franza) Toro Rosso | 4 |
| 18. Daniel Ricciardo (Awstralja) Toro Rosso | 2 |

**Kostrutturi**

| | |
|---|---|
| 1. RedBull | 246 |
| 2. McLaren | 193 |
| 3. Lotus | 192 |
| 4. Ferrari | 189 |
| 5. Mercedes | 106 |
| 6. Sauber | 80 |
| 7. Williams | 53 |
| 8. Force India | 46 |
| 9. Toro Rosso | 6 |

# Tikber it-taqtiegħa fin-naħa ta' fuq tal-Klassifika


*Casey Stoner*


*Valentino Rossi*


*Jorge Lorenzo*


*Jorge Lorenzo quddiem Casey Stoner*

## Riżultati tal-GP tal-Messiku
### 29.07.2012 - Monterrey

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Casey Stoner (Awstralja) Honda | 43:45.961 |
| 2. | Jorge Lorenzo (Spanja) Yamaha | 43:49.390 |
| 3. | Dani Pedrosa (Spanja) Honda | 43:53.594 |
| 4. | Andrea Dovizioso (Italja) Yamaha | 44:04.563 |
| 5. | Cal Crutchlow (Britannja) Yamaha | 44:04.740 |
| 6. | Nicky Hayden (U.S.) Ducati | 44:12.863 |
| 7. | Stefan Bradl (Ġermanja) Honda | 44:14.354 |
| 8. | Alvaro Bautista (Spanja) Honda | 44:36.207 |
| 9. | Aleix Espargaro (Spanja) Aprilia | 45:04.954 |
| 10. | Karel Abraham (Rep Ċeka) Ducati | 45:08.037 |
| 11. | Randy de Puniet (Franza) Aprilia | 31 Laps |
| 12. | Yonny Hernandez (Kolumbja) BQR | 31 Laps |
| 13. | Colin Edwards (US) Suter | 31 Laps |
| 14. | Ivan Silva (Spanja) Kawasaki | 31 Laps |
| 15. | Valentino Rossi (Italja) Ducati | 29 Laps |

## Riżultati tal-GP tal-Istati Uniti
### 19.08.2012 - Indianapolis

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Dani Pedrosa (Spanja) Honda | 46:39.631 |
| 2. | Jorge Lorenzo (Spanja) Yamaha | 46:50.454 |
| 3. | Andrea Dovizioso (Italja) Yamaha | 46:56.941 |
| 4. | Casey Stoner (Awstralja) Honda | 46:59.434 |
| 5. | Alvaro Bautista (Spanja) Honda | 47:02.187 |
| 6. | Stefan Bradl (Ġermanja) Honda | 47:09.703 |
| 7. | Valentino Rossi (Italja) Ducati | 47:37.245 |
| 8. | Karel Abraham (Rep Ċeka) Ducati | 47:48.073 |
| 9. | Yonny Hernandez (Kolumbja) BQR | 47:50.737 |
| 10. | Aleix Espargaro (Spanja) Aprilia | 47:53.710 |
| 11. | Toni Elias (Spanja) Ducati | 48:05.936 |
| 12. | Ivan Silva (Spanja) BQR | 48:19.905 |
| 13. | Colin Edwards (US) Suter | 27 Laps |
| 14. | James Ellison (Britannja) Aprilia | 27 Laps |
| 15. | Steve Rapp (US) Aprilia | 27 Laps |

## Klassifika
**Sewwieqa**

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Jorge Lorenzo (Spanja) Yamaha | 225 |
| 2. | Dani Pedrosa (Spanja) Honda | 207 |
| 3. | Casey Stoner (Awstralja) Honda | 186 |
| 4. | Andrea Dovizioso (Italja) Yamaha | 137 |
| 5. | Cal Crutchlow (Britannja) Yamaha | 106 |
| 6. | Stefan Bradl (Ġermanja) Honda | 94 |
| 7. | Alvaro Bautista (Spanja) Honda | 92 |
| 8. | Valentino Rossi (Italja) Ducati | 91 |
| 9. | Nicky Hayden (US) Ducati | 84 |
| 10. | Ben Spies (US) Yamaha | 66 |
| 11. | Hector Barbera (Spanja) Ducati | 60 |
| 12. | Aleix Espargaro (Spanja) Aprilia | 39 |
| 13. | Randy de Puniet (Franza) Aprilia | 33 |
| 14. | Karel Abraham (Rep Ċeka) Ducati | 18 |
| 15. | Yonny Hernandez (Kolumbja) BQR | 17 |

## Paġni mill-Istorja tat-Tiġrija tal-Vitorja

# It-Tiġrija tal-Vitorja (1990-1999) ... Is-Seba' Parti

Partitarju mill-Isla, ikkummenta hekk: '*... jien dejjem nismagħhom jgħidu li dawn it-tiġrijiet huma marbutin mad-distretti tal-Port il-Kbir u dak ta' Marsamxett, iżda jien niftakar li ftit tas-snin ilu kienu jieħdu sehem ukoll Marsaxlokk u Birżebbuġa - żewġ klabbs ġodda għar-Regatta tagħna ... issa se jkollna lil Għawdex u aktarx liż-Żurrieq ukoll ... smajthom jgħidu li l-Għawdxin għandhom opri ġodda u xi wħud mill-qaddiefa li se jaqdfu magħhom sas-sena l-oħra kienu jaqdfu mad-distretti tal-port ... ngħid għalija, meta nara lokalitajiet bħal Marsaxlokk, Birżebbuġa u issa Għawdex jipparteċipaw fir-Regatta nasal biex nifhem aħjar il-kobor ta' dan l-isport tradizzjonali ... il-ħasra hi, li Għawdex hu 'l bogħod ħafna mill-Port il-Kbir, u għalhekk jien naraha diffiċli ħafna li jkollu ħajja twila fir-Regatta...*'

Partitarju Bormliż deher pessimist ħafna: '*... Għawdex diffiċli ħafna li jkampa f'dawn it-tiġrijiet ... jien naċċertak, li jekk il-qaddiefa li se jaqfu fl-opri Għawdxin sena oħra jsibu posthom ma' xi klabb ieħor, daqshekk jagħmel Għawdex fir-Regatta ...*' Dilettant Kalkariż ma tantx kellu awgurju sabiħ għal Għawdex: '*... emminni, jien ħadt qatgħa meta smajt li l-Għawdxin se jieħdu sehem fir-Regatta ... bżajt li xi wħud mill-qaddiefa tagħna jitħajru jirreġistraw magħhom u lilna jkomplu jdgħajfuna ... personalment naħseb li Għawdex m'għandux ħajja twila fir-Regatta għaliex il-qaddiefa li rreġistraw miegħu m'humiex Għawdxin, u għalhekk se jsibuha diffiċli ħafna biex imorru jitħarrġu kuljum ... naħseb li l-akbar problema li se jħabbat wiċċu magħha dan il-klabb! ... ara li kieku d-diriġenti tal-klabb Għawdxi ħasbu minn qabel biex jakkwistaw maħżen f'xatt il-Belt, l-istorja kienet tkun differenti ħafna ... problema oħra li fil-fehma tiegħi hi, aktar serja minn dik ta' ksib ta' maħżen hi, li meta distrett ikun jiddependi fuq qaddiefa barranin, la jkun jaf fejn hu qiegħed u wisq aktar x'mottivi jkollhom il-qaddiefa ... għalhekk aħna dejjem tlabna lill-Assoċjazzjoni tar-Regatta biex kull distrett jipparteċipaw fir-Regatta b'qaddiefa mil-lokal tiegħu ...*'

Partitarju mill-Birgu kkummenta hekk dwar id-distrett Għawdxi: '*... niskanta kif aħna għandna problema ta' nuqqas ta' qaddiefa, u Għawdex rama l-opri tiegħu b'qaddiefa mid-distretti tal-port ... veru li l-problema tagħna ġejja minħabba nuqqas ta' flus... l-antiki kienu jgħidu li bil-flus tagħmel triq fil-baħar, u llum aħna ngħidu li bil-flus tirbaħ ir-Regatta għax bihom tkun tista' tirreġistra l-aħjar qaddiefa ... l-isfortuna tagħna hi li aħna bħala distrett m'għandniex sponsors bħall-Isla u Bormla ... jgħidu li f'Għawdex hemm ħafna nies tal-flus, għalhekk jien nimmaġina li d-diriġenti tal-kumitat tal-klabb Għawdxi mhumiex se jsibuha diffiċli li jsibu sponsors b'saħħithom li kapaċi jgħinuhom finanzjarjament biex jattiraw qaddiefa mill-port ... illum spiċċa l-unur tal-pajjiż... illum kulħadd qed iħares lejn il-but ... staqsi kemm trid biex tirbaħ ix-Shield ...*'



*Il-qaddiefa Marsin flimkien mal-partitarji tagħhom jiċċelebraw ir-rebħ tax-Shield fl-1997*

Jgħidu li ż-żmien hu l-akbar għalliem! Min saħaq li Għawdex m'għandux ħajja twila fir-Regatta ż-żmien tah raġun. Kien proprju fl-1993, meta l-kumitat tal-klabb Għawdxi kiteb lill-Assoċjazzjoni tar-Regatta u għarrafhom li bħala distrett, huma ma kinux se jieħdu sehem fit-tlielaq tad-dgħajjes fir-Regatta tat-8 ta' Settembu.

Persuni qrib il-kumitati distrettwali li normalment ikunu fid-dwana waqt ir-Regatta saħqu miegħi, li l-ewwel indikazzjoni ċara li Għawdex kien wasal fi stadju li jirtira mir-Regatta kienet in-nuqqas ta' ħeġġa u l-bruda kbira li dehret fost il-qaddiefa Għawdxin fl-edizzjoni ta' l-1992, meta huma ħadu sehem fi tliet tiġrijiet minn ħamsa u ma rebħu l-ebda palju.

Ħafna jsostnu li n-nuqqas ta' qaddiefa u t-taħriġ tagħhom kienu l-fatturi ewlenin li wasslu lid-diriġenti ta' dan il-klabb jieħu din id-deċiżjoni.

Inkomplu! Fortunament wara l-kwistjoni ta' reġistrazzjoni li kienet inqalgħet fl-1991 bejn il-klabb Bormliż u l-Assoċjazzjoni tar-Regatta sfumat fix-xejn, il-klabb ċelesti rnexxielu jirreġistra miegħu qaddiefa ġodda, saħħaħ l-ekwipaġġi tiegħu u mill-ġdid reġa' daħal fil-kanal jisfida lill-avversarji tiegħu l-Isla fiż-żewġ Regatti tad-dgħajjes.

Ta' min ifakkar ukoll li fl-edizzjoni ta' l-1992, l-Assoċjazzjoni tar-Regatta kienet introduċiet żewġ tiġrijiet oħra fit-Tiġrija tal-Vitorja - waħda tad-dgħajjes tal-Midalji għall-qaddiefa taħt-il 21 sena, u oħra tad-dgħajjes tal-Pass b'Erbat Imqadef għall-qaddiefa taħt-il 25 sena.

Semmejna l-edizzjoni 1992! Għas-Sengleani, din l-edizzjoni żgur se tibqa' tiġi mfakkra bħala l-akbar rebħa storika fl-istorja glorjuża tal-klabb tagħhom fit-Tiġrija tal-Vitorja. Il-qaddiefa Sengleani ddominaw kull tiġrija u rebħu l-palju tagħha!

Din kienet l-ewwel darba fl-istorja tar-Regatta mill-1951 sal-1992 li distrett irnexxielu jirbaħ ir-Regatta b'punti massimi. Interesanti hu l-fatt li f'din l-edizzjoni l-qaddief veteran Mario Azzopardi, li matul il-karriera tiegħu

fil-qdif qadef mad-distretti kollha rebaħ erba' paljijiet. Ironikament, mill-edizzjoni ta' wara, l-Għaqda tar-Regatta ntroduċiet regolament ġdid fl-istatut tagħha li kien jgħid li l-ebda qaddief ma seta' jieħu sehem f'erba' tiġrijiet fir-Regatta.

Sintendi, l-introduzzjoni ta' dan ir-regolament ġdid fir-Regatta ma niżilx tajjeb ma' xi wħud mill-qaddiefa li kienu jipparteċipaw f'erba' tiġrijiet. Kien hemm min ipprotesta bil-qawwa mal-Għaqda tar-Regatta u sostna li dan ir-regolament imur kontra l-ispirtu sportiv ta' din it-tradizzjoni.

Fil-gazzetti dehru wkoll xi ittri minn qaddiefa li kkritikaw bl-aħrax dan ir-regolament u jitkellmu wkoll dwar in-nuqqas ta' qaddiefa. Mill-ittra ta' Joseph Schembri mill-Isla ħadt din is-silta:

*'...it-tiġrija tar-Regatta tat-8 ta' Settembru dalwaqt tkun magħna. Bħal fir-Regatta tal-31 ta' Marzu, fir-Regatta ta' din is-sena se jkun hemm regolament li qaddief ma jistax jaqdef aktar minn tliet korsi. Regolament li sar bl iskuża li qaddiefa żgħażagħ m'għandhomx opportunita li jaqdfu mal-kbar. Il-kunsill jew kumitat li jaqa' taħt il-Ministeru ta' l-Isports huma indipendenti, però fuq il-mejda jkun hemm il-president ta' l-Għaqda Regatta ta' Bormla. B'dan preżenti jinħolqu dubji li xi regolamenti jistgħu jsiru biex jew jogħġbu lin-naħa tiegħu jew ikunu kontra xi distretti partikolari. Veru li wara s-sena 1990, jiġifieri tliet snin ilu r-Regatta kienet issir b'żewġ korsi kull tiġrija, u saret b'waħda għax kien hawn nuqqas ta' qaddiefa. Issa f'daqqa waħda hawn iżżejjed! Veru li hawn distretti, u dan rajnih f'Marzu li għadda li ma kellhomx qaddiefa biżżejjed biex jarmaw l-opri kollha, fosthom il-Birgu, Għawdex u l-Kalkara (tlieta minn sebgħa) u għad hawn minnhom li għadhom bl-istess problema. Għalhekk jidher li dan ir-regolament sar b'inġustizzja sportiva mal-Isla u mal-qaddief Mario Azzopardi nnifsu, biex kif hawn l-għajdut ... titkisser l-Isla ...'*

Mario Azzopardi mill-Birgu – awtur tat-tieni ittra jistaqsi għaliex dan ir-regolament sar issa u mhux qabel:

*'...fir-Regatta ta' Settembru jiena dejjem ħadt sehem f'erba' korsi u issa naqqsuli waħda bl-iskuża li jridu jagħtu ċans liż-żgħażagħ. Iżda jekk jien kapaċi naqdef f'erbgħa għaliex naqqsuli waħda? Jien atleta li nittrenja s-sena kollha mit-Tnejn sal-Ħadd, u saħansitra l-għada tar-Regatta nibda nittrenja għal dik tas-sena ta' wara. Għalhekk jekk qed jaħsbu li jien nieħu xi stimulanti lest li wara t-tiġrijiet niġi ttestajt għaliex m'għandi l-ebda biżgħa dwar dan. L-ironija hija li f'karriera ta' 28 sena dejjem ħadt sehem f'erba korsi u anke ħamsa meta kont ma' Bormla. Allura issa saret din il-bidla?*

*'....ta' min isemmi li l ġerrejja taż żwiemel jieħdu sehem f'kemm iridu tiġrijiet, waqt li l-għawwiema Susan Smith tellqet fil-logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar u rnexxielha tirbaħ ħames midalji biex paxxiet lill-Maltin kollha, dilettanti jew m'humiex ta' dan l-isport ... finalment, jekk qed jgħidu biex itellgħu liż-żgħażagħ, allura jekk ikun hemm minnhom b'talent u kapaċi jaqdef f'erba' korsi se jiġi mċaħħad milli jaqdef bħali wkoll?...'*

Matul is-snin 90, kellna edizzjonijiet li, sfortunatament, bħal oħrajn qabilhom ġew imtappna bi protesti u ġlied fost il-partitarji avversarji.

Konsegwentament, dan l-inkwiet



minn Joseph Serracino

dejjem iġib miegħu kritika ħarxa mill-korrispondenti sportivi, normalment dejjem indirizzata lejn it-tmexxija tar-Regatta.

Xi kultant din il-kritika tkun inġusta, tagħti *image* ħażina lir-Regatta u tnaffar lill-membri tal-kumitat li jieħdu ħsieb jorganizzaw dawn it-tiġrijiet tradizzjonali.

Dan il-fatt jikkonfermawh ukoll persuni li bħali, ta' kull sena jkunu qegħdin isegwu r-Regatta mid-dwana kemm f'Marzu kif ukoll f'Settembru. Kulħadd josserva li ħafna minn dan il-ġlied jinqala' minħabba l-fanatiżmu u nuqqas ta' tolleranza fost il-partitarji avversarji.

Jinqala' l-aktar, meta opra tidħol fl-ewwel post u jsir magħruf li ġiet skwalifikata, u agħar minn hekk, meta żewġ opri li fuqhom tkun tiddependi r-rebħ tax-Shield jidħlu ras imb'ras u l-partitarji avversarji jibdew jisħqu li tagħhom daħlet l-ewwel. Kif wieħed jimmaġina, id-dewmien li normalment jittieħed sakemm jitħabbar ir-riżultat ikompli jżid it-tensjoni fosthom, u għalhekk, l-inqas argument bejn żewġ persuni jista' joħloq tilwima serja li tinfirex fost il-partitarji u jkollha tintervjeni l-pulizija biex tikkalma s-sitwazzjoni.

Fil-fatt, f'diversi rapporti sportivi, ippubblikati bejn 1990 u l-1999 jikkonfermaw li xi wħud minn dawn l-inċidenti jseħħu wara li l-ġurija jew tiskwalifika xi opra għax waqt it-tiġrija tikkrossja quddiem opri oħra, inkella meta tiddikjara r-rebbieħ ta' xi tiġrija akkanita li tispiċċa photo finish u li r-rebħ tax-Shield ikun jiddependi fuq ir-riżultat tagħha. Ħafna minn dawn l-inkwiet nistgħu faċilment nevitawh li kieku l-maġġoranza tal-partitarji jirrealizzaw, li f'każi simili, il-ġurija, dejjem fil-preżenza tal-membri tal-kumitati tal-klabbs konċernati jsegwu l-filmat tal-Photo Finish, imbagħad wara li l-partijiet kollha jaqblu unimament mar-riżultat, jiġi ddikjarat ir-rebbieħ.



***L-aħħar metri mit-tmiem tat-tiġrija tad-dgħajjes tal-Midalji mirbuħa mill-Isla, fl-1993***

ISLA MARSA MARSAMXETT BORMLA BIRGU KALKARA BIRŻEBUĠĠA

# Kampjonat 1956-57

# Sliema W. u Floriana fil-quċċata minkejja b'partita inqas

**It-Tieni Ġurnata**

**20-10-1956:**
**Sliema Wdrs. FC – Hibernians FC 2-0**
**H.T 0-0**
**Ref: R.S.M Carmel Galea (R.M.A)**
**Skorjaw: Ġ. Muscat (S) 83' u T. Nicholl (S) 88'.**
**Att: 3,208**

*Sliema Wdrs. FC*: Victor Scerri, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri, Ninu Calleja, Salvu Bonnici, Alex Gollcher, Robbie Buttigieg, Salvinu Schembri, Ġulinu Muscat, Sammy Nicholl, Tony Nicholl.

*Hibernians FC*: Edwin Gili, Colin Tabone, Leli 'L-Għawdxi' Attard, Maurice Vella Borg, Louis Theobald, Sunny Anastasi, Leli Sultana, Fredu Church, Leli Spiteri, Joe 'Il-Felli' Ciantar, Lorry 'Il-Geġiġa' Cassar.

1. Sliema Wanderers kienu qed jilagħbu mingħajr Joe 'Jockey' Xuereb li weġġa' l-irkoppa fl-aħħar ħarġa. Minfloku lagħab Ġulinu Muscat li kellu partita kwieta iżda għamel l-iktar ħaġa mportanti meta żblokka r-riżulat lejn it-tmiem meta kollox deher li Hibernians kienu ser iżommu liċ-Champions.

2. Hibernians kellhom nieqes lil Charles Schembri li kien ġie sospiż logħba wara li għadda rimarki lejn ir-referee fl-aħħar ħarġa filwaqt li Fred Barry kien nieqes minħabba li weġġa'.

**21-10-1956:**
**Rabat FC – Marsa FC 5-1**
**H.T 0-0**
**Ref: George Bonello**
**Skorjaw: C. Theuma (R) 65', F. Abela (M) 69, Peter Micallef (R) 74', P. Said (R) 83' u 87' u T. Vassallo (R) 89'. Att: 7,519**

*Rabat FC*: Anthony Micallef, Ruġġieru 'Iż-Żiemel' Spiteri, Frank Camenzuli, Johnnie 'Zikizokk' Azzopardi, Anthony 'Il-Legdi' Azzopardi, Romeo 'Il-Mosti' Agius, Pawlu 'Ta' L-Imtarfa' Vassallo, Twanny 'Tal-Manager' Vassallo, Pawlu 'Il-Fulier' Said, Charlie Theuma, Peter 'Il-Glorja' Micallef.

*Marsa FC*: Salvu Alamango, Frans Hole, Ernie Glynn, Nenu Fabri, Frans Borg, Edward Azzopardi, Ġużi 'Ir-Rumba' Dimech, Willie Bowerman, Fredu 'Steak' Abela, Carmel 'Is-Suldat' Spiteri, Żużu 'Qomos' Sciberras.

**27-10-1956:**
**Valletta FC – Ħamrun Sp. FC 2-0**
**H.T 1-0**
**Ref: George Degiorgio**
**Skorjaw: J. Urpani (V) 16' u M. Azzopardi (V) 53'.**
**Att: 3,982**

*Valletta FC*: Bertu 'Tas-Sorry' Zarb Cousin, Joe Agius, Edwin 'Dwinu' Schembri, Joe 'It-Tichy' Grech, Joe Cilia, Karm Borg, Sunny Curmi, Josie Urpani, Mario Azzopardi, Frankie Zammit, Alfred 'Il-Waniż' Borg.

*Ħamrun Sp. FC*: Ġużi 'Yumi' Bonnici, Salvu Azzopardi, Freddie Falzon, Effie Borg, Louis Bonello, Armando Drago, Franġisku 'Il-Mutu' Formosa, George Jones, Ġużi 'Iz-Zizell' Psaila, Carmelo 'In-Nene' Grech, Joe Ebejer.

1. Freddie Falzon lagħab għall-Ispartans wara li kien fid-dubju minħabba li tlitt ijiem qabel, fl-24 ta' Ottubru 1957 sofra minn concussion waqt partita ta' ħbiberija li ntlagħbet Hal Far bejn Malta U/23 u HMS Falcon. Il-partita kienet intemmet fi draw ta' 3-3.

2. Ħamrun Spartans saħħew id-difiża tagħhom bir-ritorn tal-goalkeeper Ġużi Bonnici u tad-difensur Armando Drago. Il-problema tal-Ispartans però baqgħet fl-attakk fejn kien jidher li qed iħossu sew in-nuqqas tal-aħwa Romeo u Gejtu Psaila, fejn s'issa l-Ispartans kienu għadhom ma skorjawx fil-kampjonat u l-uniċi żewġ goals fil-Cassar Cup kienu waslu mill-half back George Jones.

3. Karm Borg, ex-Sliema Wanderers, iddebutta ma' Valletta FC meta ħa post Nenu Mackay li kien ġie sospiż logħba wara li tkeċċa kontra Birkirkara.

**01-11-1956:**
**Birkirkara FC – Marsa FC 2-2**
**H.T 2-1**
**Ref: Joseph Genovese**
**Skorjaw: C. Spiteri (M) 26', Ġ. Pisani (B) 30', L. Lanzon (B) 38' u W. Bowerman (M) 77'.**
**Att: 1,629**

*Birkirkara FC*: Lolly Rizzo, Frans Cassar, Johnnie Gatt, Norman Bell, Michael Laferla, Lino Lanzon, Frans 'Il-Lula' Bonnici, Joseph Farrugia, Leli 'Il-Likku' Saliba, Ġużi 'Il-Gross' Pisani, Pawlu Carbonaro.

*Marsa FC*: Salvu Alamango, Frans Hole, Ernie Glynn, Briffa, Frans Borg, Edward Azzopardi, Willie Bowerman, Carmel 'Is-Suldat' Spiteri, Fredu 'Steak' Abela, Vidal, Calleja.

**Klassifika**: Sliema Wdrs. FC 4 pti.; Valletta FC 3 pti.; Birkirkara FC, Marsa FC, Floriana FC u Rabat FC 2 pti.; Hibernians FC 1 pt. Ħamrun Sp. FC 0 pti.

(Marsa FC lagħbu partita aktar filwaqt li Floriana FC lagħbu partita inqas).

**L-Aqwa Skorers**: N. Mackay (Valletta FC), P. Said (Rabat FC), Ġ. Pisani (Birkirkara FC) u T. Nicholl (Sliema Wdrs. FC) 2 goals.

**It-Tielet Ġurnata**

**Sliema Wdrs v Marsa ma ntlagħbitx**

Din il-partita suppost li kellha tintlagħab fit-3 ta' Novembru, 1956, iżda Marsa FC kienu ressqu talba quddiem l-MFA sabiex il-partita tintlagħab f'xi ġurnata oħra minħabba li jumejn biss qabel kienu lagħbu partita oħra tal-kampjonat kontra Birkirkara FC. It-talba tagħhom kienet ġiet milqugħa mill-MFA bil-partita l-ewwel tiġi trasferita għat-2 ta' Marzu, 1957, u aktar tard wara talba minn Sliema Wanderers tressqet għall-1 ta' Frar, 1957.

**04-11-1956:**
**Rabat FC – Hibernians FC 1-1**
**H.T 0-0**
**Ref: Major Alex Upfold (REME)**
**Skorjaw: C. Theuma (R) 49' u F. Church (H) 83'.**
**Att: 2,316**

*Rabat FC*: Anthony Micallef, Ruġġieru 'Iż-Żiemel' Spiteri, Frank Camenzuli, John 'Iz-Zikizokk' Azzopardi, Anthony 'Il-Legdi' Azzopardi, Romeo 'Il-Mosti' Agius, Pawlu 'Ta' L-Imtarfa' Vassallo, Twanny 'Tal-Manager' Vassallo, Pawlu 'Il-Fulier' Said, Charlie Theuma, Peter 'Il-Glorja' Micallef.

*Hibernians FC*: Edwin Gili, Colin Tabone, Leli 'L-Għawdxi' Attard, Maurice Vella Borg, Louis Theobald,

Sunny Anastasi, Leli Spiteri, Fredu Church, Charlie 'Kinnie' Schembri, Joe 'Il-Felli' Ciantar, Lorry 'Il-Geġiġa' Cassar.

**10-11-1956:**
**Ħamrun Sp. FC – Birkirkara FC 1-0**
**H.T 0-0**
**Ref: Joseph Borg.**
**Skorja: Ġ. Psaila (Ħ) 47'.**
**Att: 2,039**

*Ħamrun Sp. FC*: John Chetcuti, Freddie Falzon, Freddie 'Ix-Xibby' Sciberras, George Jones, Louis Bonello, Leli 'It-Tirjule' Borg, Ġużi 'San Ġużepp' Buttigieg, Effie Borg, Ġużi 'Iz-Zizell' Psaila, Armando Drago, Franġisku 'Il-Mutu' Formosa.

*Birkirkara FC*: Lolly Rizzo, Frans Cassar, Johnnie Gatt, Norman Bell, Louis 'Ir-Russu' Gauci, Louis Bugeja, Frans 'Il-Lula' Bonnici, Joseph Farrugia, John Camilleri, Ġużi 'Il-Gross' Pisani, Pawlu Carbonaro.

1. L-ewwel goal u l-ewwel punti għal Ħamrun Spartans f'dan il-kampjonat.
2. Fit-team tal-Ispartans irritorna l-veteran Ġużi Buttigieg li kien ilu nieqes mil-logħba kontra Sliema Wanderers tal-21 t'April 1956. Nieqes għall-Ispartans kien Karmenu Gech 'In-Nene'.
3. Ħamrun Spartans lagħbu għal ħafna ħin b'għaxar players wara li fil-55 minuta weġġa' Leli Borg u kellu joħroġ. Huwa rritorna ftit wara iżda deher il-ħin kollu jzappap u ma ħax sehem fil-partita. Leli Borg dam tliet xhur barra mil-logħob.
4. Birkirkara kienu mingħajr Leli Saliba 'Il-Likku' minħabba xi differenzi bejn il player u l-club. Minflokų lagħab John Camilleri.

**11-11-1956:**
**Floriana FC – Valletta FC 4-2**
**H.T 3-1**
**Ref: R.S.M Carmel Galea (R.M.A)**
**Skorjaw: N. Mackay (V) 45 sekonda, T. Cauchi (F) 19', Ż. Alamango (F) 25', L. Borg (F) 41', S. Curmi (V) 65' u P. Demanuele (F) 83'.**
**Att: 8,004**

*Floriana FC*: Edwin Zammit, Lolly Debattista, Joe Cini, Joe Bennetti, John Delia, Freddie Vella James, Żarenu Alamango, Lolly Borg, Tony 'Il-Majsi' Cauchi, Charlie 'In-Najsu' Bennetti, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

*Valletta FC*: Bertu Zarb Cousin, Joe Agius, Edwin 'Dwinu' Schembri, Joe 'It-Tichy' Grech, Joe Cilia, Karm Borg, Sonny Curmi, Josie Urpani, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Frankie Zammit, Alfred 'Il-Waniż' Borg.

1. Wara 15-il minuta Nenu Mackay seta' rdoppja l-iskor għal Valletta iżda laqat il-wieqfa minn penalty.
2. Valletta daħħlu protest quddiem l-MFA kontra r-riżultat ta' din il-partita meta sostnew li l-player ta' Floriana FC Joe Cini kellu jingħata r-release minn Leyton Orient qabel ma seta' jilgħab ma' Floriana FC.

**Klassifika**: Sliema FC u Floriana FC 4 pti.; Valletta FC u Rabat FC 3 pti.; Ħamrun Sp. FC, Birkirkara FC, Marsa FC u Hibernians FC 2 pti.
(Sliema Wdrs. FC u Floriana FC lagħbu partita inqas).

**L-Aqwa Skorers**: N. Mackay (Valletta FC) 3 goals: F. Church (Hibernians FC); T. Nicholl (Sliema Wdrs. FC); P. Said u C. Theuma (Rabat FC); Ġ. Pisani (Birkirkara FC) u T. Cauchi (Floriana FC) 2 goals.



*Joe Cini mal-wasla tiegħu għal prova ma' Leyton Orient*

## Aħbarijiet

*Referee li kien regolari fil-Kampjonat tal-Ewwel Diviżjoni u ma baqax jikkontrolla logħob f'dan l-istaġun kien Joe Cassar Naudi li ħabbar li kien irtira minn referee.*

*Fit-28 ta' Ottubru, 1956, Sliema Wanderers rebħu x-Scicluna Cup meta fil-final għelbu lil Floriana 1-0 b'goal tal-veteran Tony Nicholl.*

*F'din il-partita deher għall-ewwel darba f'dan l-istaġun ma' Floriana l-player Joe Cini li kien irritorna Malta ftit jiem qabel wara li mar għal prova ma' Leyton Orient.*

*Fit-2 ta' Novembru, 1956, il-President tal-MFA Lawrence Farrugia B.E.M ħalla Malta għal kors ta' sitt ġimgħat f'Londra b'konnessjoni mal-impjieg tiegħu ta' Safety Officer fit-Tarzna. Finnuqqas tiegħu l-MFA kienet ser titmexxa mill-Viċi President Dr. Maurice Decesare M.D Bsc. MLA.*

*Fit-3 ta' Novembru, 1956, f'partita ta' ħbiberija it-team Malti tal-kbar rebaħ bl-iskor ta' 5-3 kontra it-team Malti U/23. Sal-mistrieħ l-iskor kien 1-1. Għal Malta l-goals waslu minn penalti ta' Ninu Calleja, hat-trick ta' Fredu Abela 'L-Isteak' u minn Pullu Demanuele filwaqt li darbtejn Sammy Nicholl u Tony Cauchi skorjaw għall-U/23. Il-partita kienet intlagħbet minflok il-partita tal-kampjonat Sliema Wanderers v Marsa, li kienet ġiet imħassra minħabba li jumejn qabel Marsa kellhom partita oħra tal-kampjonat.... għalkemm 'L-Isteak' li skorja hat-trick kien player ta' Marsa.*

*F'Novembru, 1956, f'partita mill-Kampjonat tat-Tieni Diviżjoni bejn Gzira United u Zejtun Corinthians (4-0), Gzira kienu skorjaw goal li suppost ġie mħassar wara li Cassar lagħab il-ballun darbtejn minn azzjoni ta' corner. Fil-fatt mill-corner ta' Cassar il-ballun ħabat mal-lasta u reġa' ġie għandu mingħajr ma messu l-ebda player, biex Cassar reġa' tefa' cross li minnu Agius skorja. Ir-referee kien ikkonvalida l-goal.*

*Minħabba ż-żieda fil-ħlas lill-Pulizija li b'kollox fi staġun sħiħ kienet ser tammonta għal £900 l-MFA bdiet tikkunsidra li żżid il-prezz tad-dħul fl-Istadium għalkemm fl-istess ħin kien hemm il-bżonn li b'hekk tonqos l-attendenza. Fil-Parlament, Dr. Maurice Decesare, li kien ukoll Viċi President tal-MFA kien talab lill-Ministru tal-Finanzi biex jeżenta lill-MFA mit-Taxxa fuq il-biljett tad-dħul. It-talba tiegħu kienet ġiet irrifjutata. L-MFA kellha l-ħsieb li tnaqqas in-numru ta' Pulizija l-iktar wara li fl-istaġun ta' qabel kien biss club wieħed li ma għamilx telf.*

EuroSport
Malta's Leading Sports & Casual Shops




# Spot the Ball u irbaħ

## Flokk ta' AC Milan

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Settembru, 2012.

Sportiv Magazine, Kompetizzjoni Spot the Ball, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000. Flimkien mat-tweġiba tiegħek ikteb l-isem, il-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Ir-rebbieħ jingħata flokk ta' AC Milan ġentilment mogħti lilna minn Eurosport.

## Soluzzjoni Ħarġa nru. 64

**Ir-Rebbieħ tal-Kompetizzjoni "Spot the Ball" ta' Ħarġa nru. 64 huwa:**

**Ivan Gaffiero - Kappara**





IRBAĦ €150 VOUCHER MA'

TeamSporT

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Settembru, 2012

**Sportiv Magazine Kompetizzjoni Tisliba, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000.**

Isem ____________

Indirizz ____________

Email ____________

# SPORTIV Tisliba

## Soluzzjoni Ħarġa nru. 64

| | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| P | A | S | T | E | R | H | O | F | F | | D | | A |
| A | | Z | | L | | R | | E | | R | E | A | D |
| N | I | C | K | L | A | U | S | | | I | | T | |
| A | | Z | | A | | B | | L | O | C | H | T | E |
| N | O | E | | N | A | S | R | I | | C | | A | |
| D | | S | | D | | A | | X | L | O | K | K | |
| E | | N | I | | M | | A | | A | | | K | O |
| T | O | Y | | P | I | N | G | U | T | | C | | S |
| I | | | E | | L | | I | | O | S | H | E | A |
| G | R | I | M | A | | K | U | N | | | E | | S |
| U | | | I | | L | | S | W | A | N | S | | U |
| I | V | | L | Y | O | N | | O | L | | S | E | N |
| R | | T | | F | | | O | K | A | N | | | A |
| I | S | H | M | A | E | L | | O | | | A | N | |

Ir-rebbieħ tal-Ħarġa Nru. 64 ta' Ġunju 2012 huwa: Mark Briffa - Mellieħa

### Mimdudin

1) Il-Mascot bil-kulur aħmar f'Londra 2012 (7)
5) Yi, l-atleta Ċiniża bl-ewwel midalja tad-deheb f'Londra 2012 (6)
8) Il-Country Code tal-Urugwaj (3)
9) Pajjiż Afrikan parteċipant f'Londra 2012 (7)
11) Kyle, atleta Amerkina ta' li Steeplechase f'Londra 2012 (6)
13) Pajjiż mill-Lvant Nofsani parteċipant f'Londra 2012 (6)
15) Jonathan Edwards, għadu jżomm ir-rekord fit-Triple Jump (1,1)
16) "....wondo", li sport nazzjonali tal-Korea t'Isfel (4)
17) Alberto de Arajo, atleta Brażiljan fid-Decathlon f'Londra 2012 (4)
18) Nicolás, rebbieħ ta' 2 midalji tad-deheb fit-Tennis f'Ateni 2004 (5)
21) Yun, rebbieħ fil-Badminton Men's Doubles f'Londra 2012 (3)
22) Chinyere, flag bearer tas-Surinam f'Londra 2012 (5)
23) Lewis, li sprinter Amerikan rebbieħ ta' 10 midalji Olimpiċi (4)
24) Yukiko, membru tat-tim tal-Volleyball tan-Nisa Ġappuniż (5)
26) u 36) El Gidi, flag bearer Libjan f'Londra 2012 (6)
27) Rica, għawwiema Ġermaniża bi 3 midalji tad-deheb fl-1980 (8)
29) Il-Country Code ta' Oman (3)
31) Judith, ċiklista Ġermaniża bil-midalja tal-fidda f'Londra 2012 (5)
32) Taylor, boxer Skoċċiż f'Londra 2012 (4)
34) Gabriella, il-gowlkiper tat-tim tal-Handball tan-Nisa Svediż (4)
35) Mirac, ċiklist Tork fir-Road u Track f'Londra 2012 (3)
36) Ara 26 Mimdudin
37) Pajjiż gżira tal-Paċifku parteċipant f'Londra 2012 (4)

### Weqfin

1) Chetcuti, il-World Champion renjanti tal-Men's Double Trap (7)
2) Ahmad Bahavee, flag bearer tal-Afganistan f'Londra 2012 (5)
3) In-"Knock-..." ta' Mohammad Ali (3)
4) Cheng Wei, atleta mit-Taiwan fl-Archery f'Londra 2012 (3)
5) Luis, futboler Urugwajan f'Londra 2012 (6)
6) Ryan, l-għawwiem 'tad-deheb' Amerikan (6)
7) Il-Country Code tan-Niġerja (3)
10) Ryan, maratoneta Amerikan f'Londra 2012 (4)
12) Muscat, l-għawwiema Maltija fil-50 Metre Freestyle (5)
14) Julien, Mountain Biker Franċiż rebbieħ tad-deheb fl-2004, 2008 (7)
15) Zhao, għawwiema Ċiniża f'Londra 2012 (4)
19) Emanuele, atleta Taljan fil-110 Metres Hurdles (5)
20) Matteo, wieħed mill-qaddiefa Taljani f'Londra 2012 (9)
21) Dong-Min tal-Korea t'Isfel rebbieħ fit-Taekwondo f'Beijing 2004 (3)
22) Rodrigo, flag bearer tal-Brażil f'Londra 2012 (6)
25) Slingsby, l-Awstraljan rebbieħ tal-Laser Dinghy f'Londra 2012 (3)
26) Prasiddha Jung, flag bearer tan-Nepal f'Londra 2012 (4)
27) Tani, judoka Ġappuniż b'rekord ta' ħames Olympic Games (5)
28) Hubert van, bl-akbar suċċess fl-Archery fl-istorja Olimpika (5)
29) Ami, membru tat-tim tal-Futbol tan-Nisa Ġappuniż (5)
30) Luc, player Franċiż tal-Handball, rebbieħ f'Beijing 2008 (5)
33) Il-kunjom ta' ħdax-il atleta Ċiniżi f'Londra 2012 (3)





# MY PROUD SPONSOR

Dun Karm Psaila Street, Iklin
t: +356 2142 1383

TeamSporT®




## BOV MasterCard
## siefer b'aċċess faċli għal flusek

Waqt safra fuq xogħol jew btala, ħallas permezz ta' kard tal BOV meta tiekol jew tixtri, u b'hekk tkun qed tipparteċipa f'lotterija kull ġimgħa biex tirbaħ €500.




*Impenn lejn is-suċċess tiegħek.*

**BOV CARDS**

**2131 2020 | bov.com**

Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c.
58, Triq Żakkarija
Valletta VLT 1130 - Malta

BOV 33406

Termini u kundizzjonijiet japplikaw. Offerta valida sat-23 ta' Settembru 2012. Biex tkun eliġibbli, kull transazzjoni li ssir barra minn Malta, trid tkun ta' valur minn €25 'l fuq. Ma' kull transazzjoni ta' €25 jew aktar, wieħed ikun intitolat għal ċans wieħed fil-lotterija. Ir-rebbieħa jintalbu jwieġbu mistoqsija t'abbilta'.

BOV
Bank of Valletta